

Brussell, 10 ta' Novembru 2016
(OR. en)

14302/16

ELARG 101
COWEB 129

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Novembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 715 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Komunikazzjoni dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE 2016

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 715 final.

Mehmuż: COM(2016) 715 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2016
COM(2016) 715 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE 2016

{SWD(2016) 360 final}
{SWD(2016) 361 final}
{SWD(2016) 362 final}
{SWD(2016) 363 final}
{SWD(2016) 364 final}
{SWD(2016) 365 final}
{SWD(2016) 366 final}

I. INTRODUZZJONI

F'Novembru 2015, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat strateġija fuq perjodu medju għall-politika ta' tkabbir tal-UE li tkopri l-perjodu tal-mandat ta' din il-Kummissjoni. Din ġiet approvata mill-Kunsill f'Diċembru 2015. Din il-komunikazzjoni tiegħu f'kunsiderazzjoni l-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija, tiġbed konklużjonijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiżi speċifiċi involuti fit-tkabbir u dwar ċerti kwistjonijiet tematiċi.

L-UE għad għandha quddiemha sfidi serji f'diversi setturi. Bosta kriżijiet f'daqqa għandhom il-potenzjal li jkunu ta' fattur distabbilizzanti mhux biss fl-Ewropa, iżda wkoll madwar id-dinja. L-attrattività tal-UE fil-pajjiżi involuti fit-tkabbir ġiet parzjalment milquta mill-kriżi ekonomika u minn xetċiżmu dwar il-proġett Ewropew.

Fl-istess ħin, il-prospettiva soda tal-adeżjoni mal-UE, kif affermat mill-ġdid kontinwament mill-Istati Membri kollha, qiegħda tkompli tixpruna t-trasformazzjoni u tqawwi l-istabilità u s-sigurtà fil-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa. Għalhekk, proċess kredibbli ta' tkabbir, ibbażat fuq kundizzjonalità stretta u ġusta, għadu għodda indispensabbli biex isaħħaħ lil dawn il-pajjiżi u li jgħin biex isostni l-immodernizzar tagħhom permezz ta' riformi politiċi u ekonomiċi, f'konformità mal-kriterji tal-adeżjoni.

Il-politika tat-tkabbir qed tkompli tagħti r-riżultati u r-riformi mexjin' il quddiem fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, għalkemm b'passi differenti. Minħabba n-natura kumplessa tar-riformi meħtieġa, dan huwa proċess li jieħu żmien twil u għad hemm nuqqasijiet strutturali, notevolment fl-oqsma kruċjali tal-istat tad-dritt u tal-ekonomija.

Fit-Turkija, speċifikament, bis-saħħa tas-Summit bejn l-UE u t-Turkija fid-29 ta' Novembru 2015 u tad-Dikjarazzjoni sussegwenti bejn l-UE u t-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 kien hemm tnaqqis sinifikanti fil-flussi tal-migrazzjoni irregolari u, b'mod aktar wiesa', fl-ġhoti ta' ħajja ġdida lir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija. Fil-15 ta' Lulju, l-istituzzjonijiet demokratiċi u s-soċjetà bħala tali nħasdu minn attentat vjolenti ta' kolp ta' stat fit-Turkija li l-UE mal-ewwel ikkundannatu bl-aktar ton aħrax possibbli.

Impenn kontinwu lejn il-prinċipju ta' "dak li hu fundamentali jiġi l-ewwel" għadu essenzjali għall-pajjiżi involuti fit-tkabbir. Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-istat tad-dritt, inkluż is-sigurtà, id-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fuq l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Dawn kollha għandhom is-sisien biex jintlaħqu l-kriterji ta' adeżjoni ta' Kopenġen u Madrid. Rwol aktar qawwi għas-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati b'mod aktar ġenerali, għadu kruċjali.

Fl-istess ħin, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li n-negozjati tal-adeżjoni ma humiex – u qatt ma kienu – għan fihom infushom. Huma parti minn proċess usa' ta' modernizzazzjoni u ta' riforma. Il-gvernijiet tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir jeħtieġ li jħaddnu r-riformi meħtieġa b'mod aktar attiv u li tassew ipoġġuhom fl-aġenda politika tagħhom – mhux għaliex dan titolbu l-UE, iżda, għaliex dan huwa fl-aħjar interess taċ-ċittadini tagħhom. L-appoġġ pubbliku għal tkabbir fil-ġejjieni se jiddependi fuq il-grad ta' tħejjija tal-pajjiżi kandidati. Għalhekk, ir-riformi permezz tal-proċess ta' adeżjoni tal-UE jgħinu wkoll biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u tal-pajjiżi kandidati bl-istess mod.

II. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA TAT-TKABBIR TAL-2015

a) Stat tad-Dritt

Kumplessivament, saru sforzi għall-modernizzazzjoni tal-oqfsa legali u tal-infrastruttura kif ukoll biex jingħata taħriġ aħjar lill-imħallfin u l-prosekuturi. F'Lulju, il-Parlament Albaniż adotta b'mod unanimu adotta emendi kostituzzjonali li huma l-bażi għal riforma ġudizzjarja komprensiva u profonda. Is-Serbja adottat pjanijiet ta' azzjoni komprensivi dwar l-istat tad-dritt, li stabbilew il-programm ta' ħidma għar-riformi fil-kapitoli 23 u 24.

Madankollu, il-progress fl-istabbiliment ta' **sistemi ġudizzjarji** li jiffunzjonaw u li jkunu indipendenti għadu lura, fejn il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi għadhom qegħdin jiffaċċjaw problemi ta' effiċjenza u ta' nuqqas ta' indipendenza u ta' responsabbiltà suffiċjenti. Fit-Turkija, l-indipendenza tal-ġudikatura ġiet imminata minn bidliet estensivi għall-istrutturi u l-għamla tal-qrati superjuri kif ukoll minn pressjoni kontinwa fuq l-imħallfin u l-prosekuturi. It-tkeċċija ta' wieħed minn kull ħames imħallfin u prosekuturi wara l-attent ta' kolp ta' stat tal-15 ta' Lulju tirrappreżenta sfida sinifikanti ulterjuri għall-funzjonament kumplessiv tal-ġudikatura. Fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, in-nuqqasijiet serji li ġew żvelati mill-każ tat-tismigħ telefoniku għadhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat.

F'dawn l-aħħar snin, il-pajjiżi kollha saħħew l-oqfsa tagħhom fil-ġlieda kontra **l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata**. Istituzzjonijiet ġodda – bħal aġenzija kontra l-korruzzjoni tal-Montenegro – ġew stabbiliti u saru sforzi sostanzjali biex jippromwovi l-ispeċjalizzazzjoni, kemm fil-pulizija kif ukoll fil-ġudikatura. Minkejja dawn l-isforzi, bosta pajjiżi fir-reġjun għadhom juru sintomi ċari u gradi differenti ta' manipulazzjoni tal-Istat. Kumpaniji, istituzzjonijiet jew individwi b'saħħithom jużaw Prattiki illegali biex jinfluwenzaw u jiffurmaw il-politiki, l-ambjent legali u l-ekonomija fl-interessi tagħhom stess. L-impenn politiku dikjarat li tiġi miġġielda l-korruzzjoni ma ġiex ikkonvertit biżżejjed friżultati konkreti. L-isforzi għandhom għalhekk jiffukaw aktar minn qatt qabel fuq l-istabbiliment ta' rekord konvinċenti u sostnut f'dawn l-oqsma, ibbażat fuq investigazzjonijiet effiċjenti, effettivi u imparzjali, prosekuzzjonijiet u deċiżjonijiet tal-qorti fil-livelli kollha. Hemm bżonn ta' iktar trasparenza fl-akkwist pubbliku. Ir-riżultati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata hemm bżonn li jmorru lil himm mill-każijiet individwali. Jeħtieġ li l-awtoritajiet jibdeu iżarmaw bis-serjetà n-netwerks kriminali u jikkonfiskaw l-assi, inkluż bl-użu ta' strumenti aktar ambizzjużi u qawwija bħal ma huma l-konfiska estiża tal-assi u l-użu sistematiku tal-investigazzjonijiet finanzjarji. Għandhom isiru sforzi aktar qawwija biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-armi tan-nar. Il-progress li sar fis-snin reċenti fl-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin ivarja. Huma meħtieġa aktar sforzi biex ikun hemm allinjament mal-*acquis* relevanti u sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri preventivi kif ukoll il-protezzjoni u l-assistenza lill-vittmi.

It-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni għadhom ta' theddida għas-sigurtà tal-UE u tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir. It-Turkija kienet milquta b'mod partikolari minn diversi attacchi terroristiċi kbar mortali matul is-sena li għaddiet. Il-fenomeni tal-ġellieda kemm mill-UE kif ukoll mill-pajjiżi involuti fit-tkabbir li jmorru biex jingħaqdu ma' gruppi ribelli partikolarment fis-Sirja u l-Iraq, u t-theddida għas-sigurtà li dawn jippreżentaw meta jergħu lura, x'aktarx li wkoll se jkompli fis-snin li ġejjin. Il-pajjiżi involuti fit-tkabbir emendaw il-liġijiet kriminali tagħhom, kif ukoll il-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu, u armaw lilhom infushom b'aktar strumenti qawwija biex ikunu jistgħu jeħduha ma' dawn il-fenomeni. Ħafna minnhom adottaw ukoll strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ġodda kontra t-terroriżmu, li mxew lil hinn minn approċċ

purament ta' infurzar tal-liġi iżda issa huwa ffukat ukoll fuq il-prevenzjoni u kontra r-radikalizzazzjoni. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar biex tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni fil-pajjiżi, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni u permezz ta' kontroll aħjar tal-finanzjament barrani li jrawwem il-kontenut radikali. L-UE qiegħda testendi n-netwerk tagħha kontra r-radikalizzazzjoni (RAN) lejn il-pajjiżi involuti fit-tkabbir sabiex dawn ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom prassi tajba tal-UE fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni. Il-pajjiżi involuti fit-tkabbir għandhom ikomplu jużaw il-Europol bħala faċilitatur għall-kooperazzjoni fil-ħidma kontra t-terroriżmu.

b) Drittijiet fundamentali

Id-drittijiet fundamentali għadhom, fil-pajjiżi involuti fit-tkabbir, fil-biċċa l-kbira mnaqqxa fil-leġiżlazzjoni. Fil-Balkani tal-Punent, għad hemm nuqqasijiet fil-prattika, iżda s-sitwazzjoni hija kumplessivament stabbli. Fit-Turkija, kien hemm rigress f'dan il-qasam u l-implimentazzjoni Prattika ta' spiss ikollha nuqqasijiet sinifikanti. Wara l-attentat ta' kolp ta' stat f'Lulju, ġie dikjarat stat ta' emerġenza taħt liema ittieħdu miżuri serji li jtellfu d-drittijiet fundamentali. Kien hemm allegazzjonijiet ta' ħafna ksur serju tal-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin u tad-drittijiet proċedurali fil-ġranet ta' wara l-attentat ta' kolp ta' stat. It-Turkija trid tiżgura l-funzjonament effettiv ta' sistema imparzjali ta' sħarriġ ġudizzjarju ta' allegazzjonijiet ta' ksur kontra d-drittijiet tal-bniedem, fl-interess tagħha stess. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn tal-awtoritajiet Torok għal dan il-għan u thegheg lit-Turkija biex tiffaċilita l-monitoraġġ minn organizzazzjonijiet internazzjonali tal-ġurijiet sussegwenti.

Il-libertà tal-espressjoni u tal-midja għadha ta' tħassib partikolari f'bosta pajjiżi involuti fit-tkabbir, għalkemm fi gradi differenti. In-nuqqas ta' progress f'dan il-qasam, li diġà ġie osservat tul dawn l-aħħar sentejn, kompli u, f'ċerti każi, anki sserja. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni fit-Turkija kompliet sejra għall-agħar b'mod sinifikanti, b'mod partikolari permezz tal-arresti u l-prosekuzzjoni ta' ġurnalisti taħt akkużi ta' terroriżmu u l-għeluq ta' firxa wiesgħa ta' kumpaniji tal-midja. Fil-Balkani tal-Punent komplew għaddejjin l-indhila politiku mhux dovut fil-ħidma tax-xandara pubbliċi, il-finanzjament mhux trasparenti tal-medja u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti. Sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati, b'kontinwazzjoni tal-konferenzi Speak Up!, il-Kummissjoni se tniedi kunċett ġdid ta' "jiem il-midja" fir-reġjun, biex jitwessa' l-ispettru ta' kwistjonijiet marbuta mal-midja li huma indirizzati lil hinn mill-libertà tal-esprezzjoni bħala tali, anki biex ikopru l-funzjonament tas-swieq tal-midja, id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u kwistjonijiet relatati bħall-finanzjament u s-swieq tar-reklamar.

Id-diskriminazzjoni u l-ostilità lejn gruppi vulnerabbli, inkluż abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, għadha kwistjoni ta' tħassib serju. Hija meħtieġa aktar ħidma biex tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, inklużi l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u l-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol. Id-drittijiet tat-tfal, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u politiki effikaċi ta' appoġġ għal persuni b'diżabilità jeħtieġ li jissaħħu. Is-sitwazzjoni diffiċli tar-Rom għadha fil-biċċa l-kbira kif kienet u r-Rom, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent għadhom qed ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali. Jeżisti qafas ta' politika għall-integrazzjoni tar-Rom fil-pajjiżi kollha involuti mit-tkabbir, iżda l-gvernijiet jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-impenji eżistenti u jallokaw ir-riżorsi meħtieġa fil-livell ċentrali u lokali.

Il-protezzjoni effettiva tad-dejta personali kif ukoll sistemi robusti li jiżguraw id-drittijiet proċedurali għadhom mhumiex stabbiliti kompletament f'ħafna mill-pajjiżi involuti mit-tkabbir.

c) **Migrazzjoni**

Il-kriżi tal-migrazzjoni kienet waħda mill-kwistjonijiet ewlenin fuq l-aġenda politika matul is-sena li għaddiet. Hija baqgħet tkun ta' xhieda tar-rilevanza strateġika tal-politika ta' tkabbir fir-reġjun. L-UE rreaġixxiet b'mod komprensiv u sensitiv għad-drittijiet. L-għeluq effettiv tar-rotta tal-Balkani tal-Punent mill-pajjiżi kkonċernati flimkien mad-dikjarazzjoni flimkien mill-UE u t-Turkija tat-18 ta' Marzu kiseb riżultati ċari fil-konkret, bl-għadd ta' migranti irregolari u persuni jfittxu l-ażil li jilħqu l-gżejjer Griegi jonqos b'mod sinifikanti, minn diversi eluf kuljum għal inqas minn 100 kuljum bħala medja. Dan wassal ukoll għal tnaqqis qawwi fl-għadd ta' ħajjiet li jintilfu fil-baħar. It-Turkija kompliet bl-isforzi kbar tagħha biex tipprovdi kenn lil aktar minn 2.7 miljun refuġjat b'mod speċjali mis-Sirja u mill-Iraq, inkluż bit-twessigħ tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni temporanja u bl-għoti tal-aċċess għas-suq tax-xogħol. Hija saħħet ukoll il-ġestjoni tal-fruntiera u żiedet ir-rondi fil-fruntieri tagħha kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar. Il-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija qiegħda tiġi implimentata malajr u qiegħda tipprovdi appoġġ tanġibbli lil dawk fil-bżonn. L-ammont totali allokati taħt il-Faċilità bħalissa jammonta għal EUR 2.2 biljun, li minnhom EUR 1.2 biljun ġew kuntrattati u minnhom EUR 677 miljun tqassmu. Is-Serbja u l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja taw kontribut sinifikanti għall-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni. Mis-sajf tal-2015 dawn iż-żewġ pajjiżi l-aktar milquta tal-Balkani tal-Punent irċevew assistenza umanitarja tal-UE kif ukoll assistenza addizzjonali taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni f'appoġġ għall-isforzi pożittivi u kostruttivi tagħhom biex jgħinu lir-rifuġjati u lill-migranti fuq it-territorju tagħhom.

Madankollu, il-migranti komplew bit-tentattivi tagħhom li jilħqu destinazzjonijiet fl-Ewropa. Uħud mill-pajjiżi involuti fit-tkabbir kellhom jadattaw malajr kemm l-oqfsa legali kif ukoll istituzzjonali tagħhom, kif ukoll l-infrastruttura tagħhom, biex ikunu jistgħu jlaħħqu mal-kriżi tal-migrazzjoni. Il-kapaċità amministrattiva u ta' infurzar - b'mod partikolari meta jiġu ffaċċjati sitwazzjonijiet ta' kriżi - fil-pajjiżi kollha, teħtieġ aktar appoġġ. Għadhom meħtieġa azzjonijiet kontinwi kontra l-kuntribandisti tal-migranti mill-pulizija u l-atturi ġudizzjali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni proattiva u skambju tal-informazzjoni ma' pajjiżi sħab.

Biex jitnaqqsu l-pressjonijiet migratorji minn fuq l-Unjoni u l-pajjiżi involuti mit-tkabbir bl-istess mod, qegħdin jiġu mobilizzati strumenti oħra. Minbarra l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, *il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana* u l-kuntratti mal-Ġordan u l-Libanu qegħdin ikunu ta' għajjnuna fl-għoti ta' edukazzjoni u mpjiegi lir-rifuġjati Sirjani u biex jitjieb il-livell tagħhom ta' għajxien u l-opportunitajiet tal-ħajja waqt li jkunu għadhom fir-reġjun. Ġew skjerati wkoll Miżuri Speċjali ta' Appoġġ u assistenza umanitarja għall-Balkani tal-Punent.

Iċ-ċittadini ta' ħames pajjiżi involuti fit-tkabbir bħalissa jibbenefikaw minn liberalizzazzjoni tal-viża meta jivvjaġġaw lejn l-UE. It-Turkija u l-Kosovo* għamlu progress sinifikanti lejn li jissodisfaw l-obbligi tal-pjani direzzjonali tal-liberalizzazzjoni tal-viża tagħhom fl-2016, u dan ippermetta li l-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew it-tneħħija tar-rekwiżit tal-viża anki għalihom hekk kif jintlaħqu l-punti ta' referenza li għad jonqos.

d) Il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika

Il-funzjonament kif suppost tal-istituzzjonijiet demokratiċi għadu sfida ewlenija f'għadd ta' pajjiżi. Ir-rwol ċentrali tal-parlamenti nazzjonali fid-demokrazija jeħtieġ li jsir element integrali fil-kultura politika. Fit-Turkija, l-attentat ta' kolp ta' stat f'Lulju kien attakk dirett fuq l-istituzzjonijiet tal-pajjiż eletti b'mod demokratiku. Quddiem is-serjetà tat-theddida kontra l-istituzzjonijiet demokratiċi kien leġittimu li r-reazzjoni tasal malajr.

Madankollu, l-iskala wiesgħa u n-natura kollettiva tal-miżuri meħuda mindu sar il-kolp ta' stat iqajmu għadd ta' mistoqsijiet serji ħafna. It-tneħħija tal-immunità ta' għadd kbir ta' Membri tal-Parlament, f'Mejju, hija wkoll kwistjoni ta' tħassib serju.

Fil-Balkani tal-Punent il-funzjonament tal-parlamenti hija ta' spiss imfixkla minn bojkotts. Għalkemm xi bojkotts ġew megħluba, għad hemm kultura politika diviżiva. Il-ftehim li ntlaħaq fl-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Lulju, li jimplimenta l-Ftehim ta' Pržino tas-sena li għaddiet, jipprovdi l-bażi biex ikunu jistgħu jsiru elezzjonijiet bikrija f'Diċembru 2016. Fil-Kosovo komplew l-ibbojkottjar u t-tfixkil tal-attività parlamentari mill-oppożizzjoni, li kien jinkludi inċidenti ta' vjolenza. L-iskrutinju parlamentari huwa ta' sikwit imminat minn rappurtar insuffiċjenti mill-gvern, strutturi dgħajfa tal-kumitati parlamentari u l-użu eċċessiv ta' proċeduri parlamentari b'urġenza. Filwaqt li t-tmexxija tal-elezzjonijiet bħala tali sseħħ ġeneralment mingħajr inċidenti kbar, ċerti nuqqasijiet kbar inkluż fejn jidħol ir-rispett għall-ġestjoni tal-elezzjoni u l-indħil politiku fir-rappurtar tal-midja jħallu impatt fuq l-integrità tal-proċess kumplessiv ta' qabel l-elezzjoni u ta' matulha. L-elezzjonijiet spiss għadhom qegħdin jitqiesu bħala opportunità għall-kisba ta' kontroll politiku fuq l-amministrazzjoni wiesgħa, inkluż fuq l-istituzzjonijiet indipendenti.

Il-progress fejn tidħol **ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika** kien irregolari. Fit-Turkija, l-impatt tal-għadd kbir ta' tkeċċijiet riċenti fuq il-professjonalità u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika għad irid jiġi evalwat. Il-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għamlu progress fl-adozzjoni ta' strateġiji ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika u ta' programmi ta' riforma fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, iżda għad għandha tiġi żgurata l-implimentazzjoni u s-sostenibbiltà fit-tul. Il-politiċizzazzjoni tas-servizz ċivili għadha kwistjoni ta' tħassib. Minkejja l-leġislazzjoni moderna dwar is-servizz ċivili, regolarment jintużaw l-eċċezzjonijiet, speċjalment għall-ħatriet u t-tneħħijiet ta' uffiċjali għolja taċ-ċivil. Il-kwalità tat-tfassil tal-politika u tal-abbozzar legali mhux konformi mal-approċċ tal-Aġenda tal-UE dwar regolamentazzjoni aħjar. Il-leġislazzjoni, il-politiki pubbliċi u l-investimenti l-kbar spiss jitħejjew mingħajr biżżejjed evalwazzjoni tal-impatt u ta' konsultazzjonijiet interni u pubbliċi.

Fil-parti l-kbira tal-pajjiżi, l-istruttura tal-amministrazzjoni tal-Istat tibqa' kumplessa u ma tiżgurax biżżejjed responsabilità. Id-drittijiet taċ-ċittadini għal amministrazzjoni tajba, aċċess għall-informazzjoni u l-ġustizzja amministrattiva iridu jiġi żgurati b'mod aħjar. L-introduzzjoni ta' servizzi tal-gvern elettroniċi għadha prijorità bħala fattur kruċjali għat-trasparenza, il-ħeffa u l-konsistenza fis-servizzi pubbliċi. Ħafna pajjiżi għamlu progress bl-adozzjoni ta' liġijiet moderni dwar il-proċeduri amministrattivi ġenerali, iżda li ċ-ċertezza legali tista' tiġi żgurata biss ladarba jitneħħew ċerti proċeduri amministrattivi kontradittorji f'liġijiet settorjali. Il-pajjiżi xorta għad iridu jsibu bilanċ xieraq bejn l-gvern ċentrali, reġjonali u lokali li l-aħjar jappoġġja l-implimentazzjoni tar-riformi u l-għoti ta' servizzi liċ-ċittadini.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

e) Ekonomija

Is-sitwazzjoni ekonomika tgiebet gradwalment fil-Balkani tal-Punent, bi tkabbir aktar b'saħħtu, aktar investiment u aktar impjiegi maħluqa mis-settur privat. Madankollu, il-pajjiżi kollha involuti fit-tkabbir qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi soċjali u ekonomiċi strutturali kbar, b'effiċjenza baxxa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u rati għolja ta' qgħad. Il-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari, għadu għoli u huwa ta' tħassib. L-infrastruttura u s-sistemi tal-edukazzjoni jeħtieġ li jiġu mtejbja. Il-proporzjon ta' dejn pubbliku mal-PDG fir-reġjun ma għadux sejjer għall-aġar bħal qabel u din ix-xejra tista' anki titwaqqaf f'ċerti pajjiżi minħabba konsolidazzjoni fiskali, li hija sinjal pożittiv.

Nuqqas ta' opportunitajiet ta' xogħol attraenti domestikament jimbotta lil ħafna nies biex jemigraw. Fl-istess ħin, flussi sinifikanti ta' flus minn barra 'l pajjiżi joħolqu diżinċentivi biex in-nies ifittxu l-impjeg fil-pajjiż.

Fil-qafas tal-UE li jappoġġja l-governanza ekonomika, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali kollha huma mistiedna biex jippreżentaw kull sena Programm ta' Riforma Ekonomika (ERP - *Economic Reform Programme*). L-ERPs ikun fihom previżjonijiet makroekonomiċi fuq perjodu medju kif ukoll pjani baġitarji għat-tliet snin ta' wara, kif ukoll lista ta' miżuri prijoritarji ta' riforma strutturali li jkollhom l-għan li jisaħħu l-kompetittività u t-tkabbir inklużiv. Il-proċess tal-ERP kien ta' għajjnuna biex l-attenzjoni tal-gvernijiet tiġi ffukata lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet urġenti ta' riforma strutturali u biex titjieb il-koordinazzjoni. Madankollu, għad iridu jidhru fil-konkret ir-riżultati tanġibbli fil-ħajjiet tan-nies ta' dawn l-isforzi ta' riforma. L-għarfien tal-gwida ta' politika mill-partijiet involuti rilevanti u l-impenn għall-implimentazzjoni tagħhom hemm bżonn li tissaħħaħ.

L-UE u t-Turkija avvanzaw it-tħejjijiet tagħhom biex jinnegozjaw modernizzazzjoni u estensjoni tal-Għaqda Doganali bejn l-UE u t-Turkija, li għandu potenzjal sinifikanti li għadu mhux qiegħed jiġi sfruttat. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq abbozz ta' direttiva ta' negozjar li għandu jiġi ppreżentat sa l-aħħar tal-2016.

Il-klima f'ħafna pajjiżi fejn jidħol investiment hija affettwata b'mod negattiv mid-dgħufijiet kontinwi fir-rigward tal-istat tad-dritt u sinjali ta' manipulazzjoni tal-Istat, b'mod partikolari fir-rigward ta' sistemi ġudizzjarji effiċjenti u indipendenti, l-infurzar irregolari tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-ġestjoni dgħajfa tal-finanzi pubbliċi u l-bidliet frekwenti fejn jidħlu permessi u taxxi, li jaggravaw ir-riskju tal-korruzzjoni. Dan huwa partikolarment problematiku fil-każ tal-Balkani tal-Punent, tort tan-nuqqasijiet fl-oqsma ta' governanza korporattiva, is-swieq domestiċi żgħar u frammentati, privatizzazzjoni mhux kompluta u l-livell limitat ta' integrazzjoni kummerċjali reġjonali. Fit-Turkija t-tkabbir ekonomiku ssaħħaħ, iżda l-ambjent tan-negozju baqa' jiddeterjora u l-ekonomija għadha vulnerabbli quddiem l-inċertezza finanzjarja, il-bidliet fil-fiduċja tal-investituri globali u r-riskji politiċi li għadhom hemm. Is-sitwazzjoni ta' sigurtà li marret lura wasslet biex is-settur tat-turiżmu jiċkien b'mod sinifikanti.

Meta wieħed iqis l-impatt tal-istat tad-dritt fuq il-governanza ekonomika, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari għar-rabtiet bejn dawn iż-żewġ pilastri tal-proċess tal-adeżjoni.

f) Kooperazzjoni reġjonali

L-impetu mogħti permezz tal-inizjattiva tas-Sitt Pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari rigward l-aġenda tal-konnettività tal-UE, kif ukoll il-"proċess ta' Berlin", komplja jrawwem kooperazzjoni reġjonali akbar u b'hekk l-istabilizzazzjoni politika u l-opportunitajiet

ekonomiċi. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' summits preċedenti, fis-summit ta' Lulju 2016 f'Pariġi kien hemm avvanzi ulterjuri fejn tidħol l-aġenda tal-konnettività, inkluż ftehim sabiex jiġi stabbilit suq reġjonali tal-elettriku kif ukoll attenzjoni aħjar fuq it-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija kif ukoll użu akbar tal-enerġija rinnovabbli. L-inizjattivi reġjonali, bħal ma huwa l-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk, komplew iseddqu l-istabilizzazzjoni u l-kooperazzjoni. Il-pajjiżi fetħu wkoll il-kooperazzjoni f'oqsma ġodda, partikolarment permezz tal-istabbiliment tal-Uffiċċju Reġjonali tal-Kooperazzjoni taż-Żgħażaġħ (RYCO - *Regional Youth Cooperation Office*) u tal-ftehim dwar it-tneċċja ta' skema pilota ġdida għal skambju ta' uffiċjali pubbliċi żgħażaġh. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent qablu wkoll dwar miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ u niedu programmi ta' miżuri li jilliberalizzaw aktar il-kummerċ reġjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, is-suċċess tal-kooperazzjoni se jitkejjel skont ir-realizzazzjoni fil-konkret ta' proġetti ta' konnettività. Issa huwa urġenti li jitniedu xogħlijiet fiżiċi biex tingħata prova tanġibbli ta' benefiċċji diretti għaċ-ċittadini. Għar-rigward ta' proġetti ta' trasport u tal-enerġija, madankollu, l-implimentazzjoni ta' miżuri dwar ir-riforma tal-konnettività li dwarhom intlaħaq qbil fl-2015 fis-summit tal-WB6 fi Vjenna hemm bżonn li tiġi aċċellerata.

Ir-relazzjonijiet ta' viċinat tajba u l-kooperazzjoni reġjonali huma elementi essenzjali tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u tat-tkabbir. Kien hemm kuntatti u kooperazzjoni kontinwi fil-livelli bilaterali u reġjonali, anki f'oqsma sensittivi bħad-delitti tal-gwerra, il-persuni nieqsa, ir-ripatrijazzjoni tar-rifugġjati, il-kriminalità organizzata u l-kooperazzjoni tal-pulizija. Relazzjonijiet tajbin ta' viċinat għadhom qegħdin jissaħħu permezz ta' diversi inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali. Fl-istess ħin, tmexxija politika aktar responsabbli u aktar sforzi lejn ir-rikonċiljazzjoni huma essenzjali biex jippromwovu l-istabbiltà u l-ħolqien ta' ambjent li jwassal biex jingħeleb il-wirt tal-imġhoddi. Għandhom jiġu evitati dikjarazzjonijiet li jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat.

Huma meħtieġa aktar sforzi biex jingħelbu t-tilwimiet bilaterali bejn il-pajjiżi involuti fil-proċess tat-tkabbir u mal-Istati Membri. Il-partijiet ikkonċernati jeħtieġ li jindirizzaw kwistjonijiet bilaterali kemm jista' jkun malajr u ma għandhomx itellfu l-proċess ta' adeżjoni, li għandu jkun ibbażat fuq kundizzjonalità stabbilita. F'dan ir-rigward, ir-riżultati kienu limitati. Il-progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo hemm bżonn li jitħaffef. Fir-rigward tal-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, iż-żamma ta' relazzjonijiet tajba tal-viċinat għadha essenzjali, inkluża soluzzjoni negozjata u aċċettabbli għaż-żewġ naħat għall-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċċi tan-NU. Il-progress fit-taħditiet immexxija min-Nazzjonijiet Uniti dwar ftehim rigward Ċipru jintlaqa' bil-qalb. Sabiex jiġi ffaċilitat progress ulterjuri, jeħtieġ li t-Turkija tissodisfa l-obbligu tagħha li timplimenta bis-siħ il-Protokoll Addizzjonali u tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-Repubblika ta' Ċipru. Dan jista' jagħti imbuttatura ħdida lill-proċess ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni tħeġġeġ ukoll li jiġi skartat kull xorta ta' theddid, sors ta' tensjoni jew azzjoni li tkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u ir-risoluzzjoni paċifika tad-disputi. Il-Kummissjoni tagħmel enfażi fuq id-drittijiet sovrani kollha tal-Istati Membru tal-UE. Dan jinkludi, fost affarijiet oħra, id-dritt li jsiru ftehimiet bilaterali u li jiġu esplorati u esplotati r-riżorsi naturali skont l-*acquis* tal-UE u l-liġi internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

III. IL-KALIBRAZZJONI MILL-ĠDID TAL-PAKKETT TAT-TKABBIR

a) L-introduzzjoni tal-metodoloġija rikalibrata tar-rappurtar f'oqsma ġodda

Fl-2015, il-Kummissjoni introduċiet għadd ta' bidliet fil-metodoloġija tar-rappurtar. L-għan kien li tkompli tiżdied l-akkuratezza tal-valutazzjonijiet kif ukoll il-faċilità tal-użu tal-pakkett bħala sors ta' informazzjoni u gwida għall-partijiet interessati kollha u biex tkun ipprovduta aktar trasparenza fil-proċess tat-tkabbir b'mod li jiġi stabbilit b'mod aktar ċar fejn ikunu jinstabu l-pajjiż kumplessivament. Ir-rapporti jagħtu attenzjoni akbar fuq is-sitwazzjoni attwali sabiex juru b'mod aktar ċar fejn jinsabu l-pajjiżi fit-tnejniet rispettivi tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji tal-adeżjoni, jipprovdu gwida aktar ċara dwar dak li fuqhom għandhom jikkonċentraw il-pajjiżi matul is-sena u inkludew rappurtar u skali ta' valutazzjoni aktar armonizzati, li jippermetti li l-pajjiżi jitqabblu b'mod dirett. Dawn it-tibdiliet jirriflettu b'mod aktar ċar li l-isforzi tal-integrazzjoni Ewropea tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir għandhom jimplikaw proċess dettaljat ta' riformi politiċi u ekonomiċi u ma għandux jinftehem bħala ġabra ristretta ta' negozjati tekniċi.

L-approċċ rikalibrat kompla jiġi estiż fl-2016 lil hinn miż-żoni pilota koperti fl-2015¹. Issa jkopri wkoll oqsma marbuta mal-iżvilupp ekonomiku (il-moviment liberu tal-merkanzija, il-kompetizzjoni, it-trasport, l-enerġija), kif ukoll ċerti aspetti tal-kapitolu 24 (il-migrazzjoni, il-kontroll fuq il-fruntieri, l-asil u l-ġlieda kontra t-terroriżmu) u l-ambjent kif ukoll it-tibdil fil-klima. Din l-espansjoni gradwali tal-metodoloġija tiegħu f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi ggarantit is-sekwenzjar adatt tar-riformi u l-ħtieġa kontinwa li wieħed jiffoka fuq l-essenzjali. Il-metodoloġija l-ġdida se tkompli tiġi estiża fl-2018.

L-iskali ta' valutazzjoni armonizzati żiedu t-trasparenza u l-komparabilità tar-rapporti. Sabiex ikun hemm riżultati aktar preċiżi, il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali kompliet ġiet raffinata bl-użu, fejn xieraq, ta' passi interim bejn kull wieħed minn dawn iż-żewġ livelli eżistenti.

b) Rappurtar riveduti dwar il-kriterji ekonomiċi

Filwaqt li bniet fuq il-bidliet tas-sena li għaddiet fir-rappurtar dwar il-kriterji ekonomiċi, il-Kummissjoni kompliet tirfina l-metodoloġija tagħha u aġġustat is-sottokriterji li jikkostitwixxu ż-żewġ kriterji ekonomiċi għall-adeżjoni. L-għan ta' dan l-aġġustament huwa li jiġi żgurat li l-pajjiżi involuti fit-tkabbir ikunu ekonomikament qawwija u li jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-istabbiltà tal-UE meta dawn isiru membri.

Is-sottokriterji riveduti jenfasizzaw in-nuqqasijiet ekonomiċi ewlenin fil-pajjiżi attwali involuti fit-tkabbir bħal ma huma l-ambjenti kummerċjali dgħajfa tagħhom b'aċċess limitat għall-iffinanzjar, rati għolja ta' qgħad, riżultati baxxi fl-edukazzjoni u livelli baxxi ta' innovazzjoni u konnettività reġjonali. Dawn jippermettu li ssir analiżi aktar iffukata tan-nuqqasijiet fil-funzjonament tas-swieq u tad-dgħjufija tal-kompetittività. L-attenzjoni l-ġdida hija wkoll allinjata aħjar mal-ERPs u b'hekk tikkontribwixxi biex tiġi pprovduta gwida lill-pajjiżi involuti fit-tkabbir sabiex jinkisbu l-benefiċċji ta' integrazzjoni aktar mill-qrib mal-UE qabel l-adeżjoni u biex fl-aħħar mill-aħħar jissodisfaw il-kriterji ekonomiċi.

¹ L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (il-funzjonament tal-ġudikatura, il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata, il-libertà tal-espressjoni), il-kriterji ekonomiċi, ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u tliet kapitoli marbuta mill-qrib ma' dawn is-sisien (l-akkwist pubbliku, l-istatistika u l-kontroll finanzjarju).

c) **Mill-ħarifa għar-rebbiegħa – il-kalendarju l-ġdid tal-pakkett**

Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tressaq l-adozzjoni tal-pakkett annwali tat-tkabbir mill-perjodu tradizzjonali tiegħu fil-ħarifa għal perjodu ġdid fir-rebbiegħa. Dan ikun ifisser li l-pakkett li jmiss ma jiġix adottat f'Ottubru/Novembru 2017, iżda fir-rebbiegħa tal-2018. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill sussegwenti jistgħu mbagħad jiġu adottati fil-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali (GAC - *General Affairs Council*) f'Ġunju. Din l-iskeda l-ġdida tippermetti lill-Kummissjoni tarmonizza l-perjodu ta' rapportar tagħha mas-sena kalendarja, li hija l-bażi tas-soltu għall-ġbir ta' dejta statistika. Dan kien ġie propost ripetutament mill-pajjiżi involuti fit-tkabbir.

L-iskeda l-ġdida tal-pakkett se tippermetti wkoll lill-Kummissjoni biex tkun tista' tarmonizza ċ-ċiklu tagħha ta' rapportar dwar il-pakkett maċ-ċiklu tal-ERP. Dan ikun jagħti aktar piż lill-prinċipji fundamentali ekonomiċi tal-politika tat-tkabbir, jiżgura li jkun hemm koerenza aktar qawwija bejn il-pakkett u l-proċess tal-ERP, u ssir hídma biex tingħata aktar viżibbiltà lil dan tal-aħħar.

IV. **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, u tal-evalwazzjonijiet fil-ġabriet fil-qosor rigward il-pajjiżi li jinsabu fl-anness, il-Kummissjoni qiegħda tressaq **il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet** li ġejjin:

I

1. Il-politika tat-tkabbir tal-UE għadha investiment strateġiku fil-**paċi, is-sigurtà, il-prosperità u l-istabbiltà** fl-Ewropa. Ibbażata fuq kundizzjonalità stretta iżda ġusta, u fuq il-prinċipju tal-merti proprji, hija għadha sservi ta' mutur tat-trasformazzjoni u l-modernizzazzjoni fil-pajjiżi sħab, f'ambjent li ġeneralment joffri sfida. L-istabbilizzazzjoni permezz ta' tali trasformazzjoni hija fl-interess stess tal-UE.
2. L-attenzjoni tal-Kummissjoni **"l-ewwel fuq il-prinċipji fundamentali"** wasslet għal riżultati fil-konkret u l-proċessi ta' riforma jinsabu kollox ma' kollox miexja 'l quddiem, anki jekk b'veloċitajiet differenti. Minħabba n-natura kumplessa tar-riformi meħtieġa, dan huwa proċess fit-tul u għad hemm nuqqasijiet strutturali f'għadd ta' oqsma kruċjali. Huma meħtieġa riformi fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fl-ekonomija, u l-istituzzjonijiet eletti jeħtieġ li jħaffu l-pass dwarhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħhom stess. Ir-riformi ekonomiċi u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt jipproduċu benefiċċji li jagħtu saħħa reċiproka.
3. Il-kooperazzjoni mat-Turkija u mal-Balkani tal-Punent kienet element importanti fil-ġestjoni **tal-kriżi tal-migrazzjoni**, fejn diversi pajjiżi kellhom rwol kostruttiv. L-UE qiegħda tappoġġja lill-pajjiżi l-aktar affettwati, l-ewwel u qabel kollox lit-Turkija, fl-isforzi tagħhom biex jassistu u jiproteġu lir-refuġjati u lill-migranti.
4. **Ir-relazzjonijiet ta' viċinat tajba u l-kooperazzjoni reġjonali** huma elementi essenzjali tal-Proċessi ta' tkabbir u ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex jingħelbu dispuți bilaterali, li ma għandhomx ixekklu l-proċess ta' adeżjoni. Il-kooperazzjoni fil-qafas WB6 fil-Balkani tal-Punent għad għandha rwol importanti f'dan il-kuntest, inkluż permezz tal-proċess ta' Berlin.

II

5. **It-Turkija:** It-Turkija hija sieħeb kruċjali għall-Unjoni Ewropea. L-UE kkundannat bil-qawwa l-kolp ta' stat li falla u li sar fil-15 ta' Lulju, bħala attakk dirett kontra l-prinċipji demokratiċi u esprimiet l-appoġġ u s-solidarjetà sħiħa tagħha mal-poplu Tork u mal-istituzzjonijiet demokratiċi tiegħu. Wara l-attentat tal-kolp ta' stat li falla, ġie ddikjarat stat ta' emerġenza fl-20 ta' Lulju madwar it-Turkija kollha għal tliet (3) xhur. Minn dak iż-żmien dan ġie estiż għal tliet (3) xhur oħra.

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija għandhom quddiemhom l-istess opportunitajiet u sfidi għat-tul bħal ma kellhom qabel il-15 ta' Lulju. Madankollu, il-miżuri ta' portata kbira li ttieħdu wara l-kolp ta' stat komplew japprofondixxu l-għadd ta' sfidi kruċjali fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-pajjiż, speċjalment il-libertà tal-espressjoni, id-dritt għal proċess ġust u l-proċess dovut. Ġie nnutat aktar rigress fejn tidħol il-libertà tal-espressjoni u l-funzjonament tal-ġudikatura. Is-sitwazzjoni fix-xlokk tal-pajjiż baqgħet waħda mill-aktar sfidi kritiċi. Il-pajjiż għadda minn deterjorament serju ħafna fejn tidħol is-sitwazzjoni tas-sigurtà wara l-kollass tal-proċess ta' riżoluzzjoni Kurd f'Lulju 2015 u soffra bosta attakki terroristiċi qattela kbar attribwiti lill-PKK u lil Da'esh. L-UE enfasizzat li l-miżuri kontra t-terroriżmu għandhom ikunu proporzjonali u jttieħdu fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-proċess politiku ta' riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-Kurdi jrid jerġa' jibda bla dewmien. L-UE hija mħassba sewwa rigward l-arrest ta' diversi Membri tal-Parlament tal-HDP fuq akkużi li jallegaw appoġġ għal attivitajiet terroristiċi.

Minħabba l-iskala u n-natura kollettiva tal-miżuri li ttieħdu minn Lulju lil hawn, l-UE appellat lit-Turkija, bħala pajjiż kandidat, biex tosserva l-ogħla standards fejn jidħol l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. L-awtoritajiet Torok impenjaw ruħhom b'mod ċar rigward dan. Il-Kummissjoni qiegħda tħeġġeġ lit-Turkija biex din timplimenta l-impenji tagħha kollha, inkluż permezz ta' monitoraġġ internazzjonali tad-detenzjonijiet, il-proċessi, u l-proċeduri wara l-attentat ta' kolp ta' stat. L-UE hija impenjata li taħdem flimkien ma' Turkija demokratika, inklussiva u stabbli biex jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet komuni tagħna. Madankollu, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jridu jiġu rrispettati f'kull ċirkostanza, u l-parlament u l-forzi kollha rrappreżentati fl-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż għandhom ikunu fil-qagħda li jeżerċitaw ir-rwol kostituzzjonali tagħhom kollu. Rigward il-konsiderazzjonijiet imġedda biex fil-parlament jiġi ppreżentat abbozz biex terġa' tiddaħħal il-piena tal-mewt, l-UE tfakkar li ċ-ċaħda bla tlaqliq tal-piena tal-mewt hija element essenzjali tal-acquis tal-UE kif ukoll hija obbligu internazzjonali ċentrali li għalih impenjat ruħha t-Turkija.

L-UE u t-Turkija approfondew ir-relazzjonijiet tagħhom f'oqsma kruċjali ta' interess komuni, kif maqbul fis-Summit bejn l-UE u t-Turkija tad-29 ta' Novembru 2015. Saru sessjonijiet ta' dialogu politiku ta' livell għoli, kif ukoll dwar l-enerġija u l-ekonomija. It-Turkija kompliet tagħmel sforzi liema bħalhom biex tipprovdi kenn lil aktar minn 2.7 miljun refuġjat mis-Sirja u mill-Iraq. Il-kooperazzjoni mal-UE rigward il-migrazzjoni nġhatat pass 'l quddiem wara d-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016. Flimkien ma' miżuri oħra meħuda, dan wassal għal tnaqqis drastiku fl-imwiet fuq il-baħar u tnaqqis sostanzjali fl-għadd ta' refuġjati u migranti irregolari li ħallew it-Turkija biex imorru l-Greċja. It-Turkija għamlet progress sostanzjali tul is-sena li għaddiet biex tissodisfa l-livell ta' referenza tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża. Il-Kummissjoni għamlet proposta biex ir-rekwiżit tal-viża jitneħħew bil-ftehim li t-Turkija tissodisfa l-parametri referenzjarji li għadhom pendenti. Waqt il-proċess ta' adeżjoni kien hemm il-ftuħ ta' żewġ kapitli oħra, f'Novembru 2015 u f'Lulju 2016, rispettivament. Dan

jinkludi anki ħidma preparatorja fuq tliet kapitoli oħra u l-aġġornament li għaddej tar-rapporti ta' screening fil-kapitoli kruċjali 23 u 24. Iż-żewġ naħat komplew jespjoraw opzjonijiet possibbli għall-aġġornament tal-Unjoni Doganali. Bħala membru tan-NATO, tal-G20, tal-OSCE u tal-Kunsill tal-Ewropa, it-Turkija hija attur internazzjonali attiv. It-Turkija għadha attiva fil-koalizzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra d-Da'esh u hija sieħeb kruċjali fir-reġjun.

It-Turkija għandha wkoll tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi, tkompli bir-riformi strutturali u ttejjeb l-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari fil-fażi sensittiva wara l-attentat ta' kolp ta' stat li falla.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-pożizzjonijiet ripetuti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mis-snin ta' qabel, issa sar urġenti li t-Turkija tissodisfa l-obbligi tagħha li timplimenta kompletament il-Protokoll Addizzjonali u li tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn tal-partijiet fit-taħdidiet ta' riżoluzzjoni mmexxija min-NU. Issa huwa importanti li f'dawn it-taħdidiet isir aktar progress. Sabiex dan il-progress jiġi ffaċilitat, l-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal soluzzjoni komprensiva huma kruċjali. L-UE hija lesta li takkomoda l-kundizzjonijiet ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni.

6. **Il-Montenegro:** In-negozjati għall-adeżjoni mal-UE mxew 'l quddiem. L-elezzjonijiet parlamentari ta' Ottubru 2016 saru f'qafas legali sostanzjalment rivedut u, kollox ma' kollox, saru b'manjera aktar parteċipattiva u aktar trasparenti. L-ambjent kien kompetittiv u kien ikkaratterizzat min rispettt, b'mod ġenerali, għal-libertajiet fundamentali. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti mistennija li jinvestigaw b'mod malajr u trasparenti xi allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet proċedurali, l-arresti li saru u l-għeluq temporanju ta' żewġ pjattaformi mobbli ta' komunikazzjoni. Il-qafas legali fil-qasam tal-istat tad-dritt huwa kważi lest u t-tagħmir istituzzjonali ġie stabbilit. Is-sistema sħiħa tal-istat tad-dritt issa jeħtieġ li tikseb aktar riżultati, b'mod partikolari biex tissaħħaħ l-istorja pożittiva rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-progress rigward il-kapitoli tal-istat tad-dritt, muri permezz ta' riżultati tanġibbli l-aktar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, se jkompli jiddetermina l-pass kumplessiv tan-negozjati tal-adeżjoni. Il-pożizzjoni fiskali tal-Montenegro marret lura u l-livelli tad-dejn pubbliku li qegħdin jiżdiedu huma ta' sfida għas-sostenibbiltà. Bħala miżura prijoritarja, il-Montenegro hemm bżonn li jieħu miżuri li jirrestrinġu l-infiq kurrenti u jtejb u l-għbir tal-introjti. Hemm bżonn ukoll li jnaqqas id-diżinċentivi li wieħed imur jaħdem, li jiġi żviluppat il-kapital uman u industrija kompetittiva, orjentata lejn l-esportazzjoni. F'Diċembru 2015, il-Montenegro rċieva invit biex jingħaqad man-NATO, li hija kisba importanti.
7. **Is-Serbja** Wara li saru elezzjonijiet nazzjonali bikrija f'April, il-programm tal-gvern il-ġdid Serb kien jinkludi l-adeżjoni mal-UE tas-Serbja bħala għan prijoritarju. Is-Serbja għamlet passi maġġuri lejn dan l-għan, u dan wassal biex infetħu l-ewwel erba' kapitoli tan-negozjati tal-adeżjoni, inkluż dwar l-istat tad-dritt u dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mal-Kosovo. Il-pass kollox ma' kollox tan-negozjati ta' adeżjoni mal-UE se jkun jiddependi b'mod partikolari fuq li jsir progress sostanzjali f'dawn iż-żewġt oqsma. Is-Serbja jeħtieġ li tapprofonodxxi l-impenn tagħha fid-Djalogu mal-Kosovo, inkluż l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha. Il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa l-ftuħ ta' aktar kapitoli fiż-żmien li ġej.

Ir-riformi ekonomiċi qegħdin iwasslu għar-riżultati u hemm bżonn li jkomplu, b'enfasi partikolari fuq ir-ristrutturar tal-impriżi proprjetà tal-Istat u fuq l-utilitajiet pubbliċi. Ir-

rwol ewlieni tas-Serbja fir-reġjun huwa strumentali fit-titjib tar-rabbitet reġjonali u biex tiġi mħarsa l-istabbiltà. Is-Serbja ġiet affettwata mill-kriżi tal-migrazzjoni u kellha rwol attiv u kostruttiv u kkooperat mal-pajjiżi ġirien u mal-Istati Membri meta kienet qegħda tiġġestixxi l-flussi ta' migrazzjoni.

8. **L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja:** Is-sena li għaddiet kienet waħda ta' kriżi politika kontinwa. Għad hemm preokkupazzjonijiet dwar manipulazzjoni tal-Istat li taffettwa l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u oqsma kruċjali tas-soċjetà. Hemm bżonn li l-pajjiż jimplimenta bis-sħiħ il-ftehim ta' Pržino, speċjalment billi jiżgura li jkun hemm proċess elettorali kredibbli għar-rigward tal-elezzjonijiet parlamentari bikrin ta' Diċembru. L-isforzi tal-Prosekutur Speċjali li jistabbilixxi r-responsabbiltà legali għandhom ikunu appoġġjati u l-Parlament għandu jistabbilixxi responsabbiltà politika għall-ispijunaġġ telefoniku u l-kontenut miksub minnu. Għad hemm bżonn ta' progress sostanzjali fejn tidħol l-implimentazzjoni konkreta tal-Prijoritajiet Urġenti ta' Riforma. L-istabbiltà makroekonomika għandha tibqa' tinżamm u b'mod partikolari d-defiċit pubbliku għandu jiġi kkontrollat b'mod aktar rigoruż u għandha tittejjeb it-trasparenza u l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika. Fuq is-sies tal-progress li sar dan l-aħħar fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jibnu l-fiduċja mal-Greċja, hemm bżonn ta' passi deċiżivi biex tiġi solvuta l-kwistjoni tal-isem. Il-pajjiż ġie affettwat mill-kriżi tal-migrazzjoni u kkoopera mal-pajjiżi ġirien u mal-Istati Membri meta kien qiegħed jiġġestixxi l-flussi ta' migrazzjoni.

Il-passi pożittivi li ttieħdu dan l-aħħar fil-kuntest tal-ftehim ta' Pržino jipprovdu opportunità reali għall-mexxejja politiċi biex fl-aħħar jegħlbu l-kriżi li ilha żmien għaddejja u biex jindirizzaw kwistjonijiet sistemiċi. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni hija lesta li testendi r-rakkomandazzjoni tagħha li tiftaħ negozjati ta' adeżjoni mal-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Madankollu, dan isir skont kemm ikun sar progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pržino, l-aktar f'dak li jolqot iż-żamma ta' elezzjonijiet parlamentari kredibbli u progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet Urġenti ta' Riforma.

9. **L-Albanija:** L-Albanija kompliet tagħmel progress konsistenti lejn it-twettiq tal-ħames priyoritajiet kruċjali kollha biex ikunu jistgħu jinfetħu n-negozjati ta' adeżjoni. F'Lulju 2016 ġew approvati b'mod unanimu emendi kostituzzjonali kruċjali, biex b'hekk tnieda proċess ta' riforma bir-reqqa u komprensiv tas-sistema ġudizzjarja. Dan il-proċess se jinkludi rievalwazzjoni profonda tal-imħallfin u l-prosekuturi. Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kompliet tiġi implimentata b'mod konsistenti. Kompliet il-ħidma lejn l-istabbiliment ta' stejjer pożittivi konsistenti fejn jidħlu l-investigazzjonijiet proattivi, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Id-drittijiet fundamentali komplew jiġu rrispettati b'mod ġenerali fil-pajjiż.

Fid-dawl ta' dan il-progress lejn il-kisba tal-prijoritajiet kruċjali u suġġett għal progress kredibbli u tanġibbli fl-implimentazzjoni tar-riforma ġudizzjarja, b'mod partikolari ir-rievalwazzjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi (verifika), il-Kummissjoni qiegħda tirrakkomanda l-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Albanija.

10. **Il-Bożnija-Herzegovina:** Il-Bożnija-Herzegovina ssodisfat il-prijoritajiet li joħorġu mill-proċess tagħha ta' riformi, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-Aġenda ta' Riforma. Abbażi ta' dan, il-Kunsill ta' lill-Kummissjoni l-kompitu li tħejji opinjoni dwar l-applikazzjoni ta' adeżjoni. L-isforzi sinifikanti ta' riformi orjentati lejn l-UE hemm bżonn li jiġu sostnuti sabiex jiġu indirizzati l-problemi strutturali b'għeruq fondi li ilhom iżommu lura l-iżvilupp tal-pajjiż, inkluż f'termini soċjoekonomiċi. It-tisħiħ tal-istat tad-dritt u tal-amministrazzjoni pubblika f'konformità mal-istandards Ewropej fil-livelli

kollha tal-gvern, kif ukoll titjib ulterjuri fil-kooperazzjoni bejn il-livelli kollha għadhom prijorita. Hemm bżonn li jiġi implimentat il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni adottat rigward materji li jolqtu lill-UE sabiex il-pajjiż ikun jista' jaffaċċja l-isfidi tal-proċess ta' integrazzjoni mal-UE, inkluż għar-rigward tal-adozzjoni tal-istrateġiji neċessarji madwar il-pajjiż. Huwa meħtieġ li jiġi ffirmat il-protokoll dwar l-adozzjoni tal-SAA li ġie inizjalat f'Lulju 2016.

11. **Il-Kosovo:** Il-Kummissjoni tilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA) fl-1 ta' April 2016 li jipprovdi qafas komprensiv għal relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi eqreb bejn l-UE u l-Kosovo. Il-Kosovo ħa passi mill-aktar importanti lejn li jissodisfa l-obbligi tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża, b'mod li l-Kummissjoni setgħet toħroġ proposta formali f'Mejju 2016 biex l-obbligu tal-viża jitneħħa, sakemm jiġu ssodisfati ż-żewġ rekwiżiti li jifdal - ir-ratifika tal-ftehim tal-fruntiera mal-Montenegro u li tkompli tissaħħa l-istorja pożittiva fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni. Il-ħidma tal-Parlament ġiet affettwata ħażin minn tfixkil fundamentali li sar minn partiti politiċi diversi.

L-atturi politiċi jeħtieġ li jsibu mod kif jегħlbu l-istaġnar politiku li issa ttawwal u jeħtieġ li jwittu t-triq għall-indirizzar tal-isfidi numerużi ta' riforma li hemm fil-futur, b'mod partikolari għar-rigward tal-istat tad-dritt u tal-ħtieġa ta' riformi ekonomiċi strutturali li jindirizzaw il-livell għoli tal-qgħad. Ġiet żviluppata Aġenda ta' Riforma Ewropea sabiex tkun ta' għajjnuna fl-implimentazzjoni neċessarja tal-SAA. Il-Kosovo wettaq l-obbligi internazzjonali li kien fadal fir-rigward tal-istabbiliment tal-Kmamar Speċjalizzati u l-Uffiċċju ta' Prosekuzzjoni Speċjalizzat biex jiġu investigati allegazzjonijiet ta' atti kriminali internazzjonali mwettqa fil-kuntest tal-kunflitt tal-Kosovo. Il-mandat tal-EULEX ġie estiż sa Ġunju 2018. Il-Kosovo jeħtieġ li japprofondxxi l-impenn tiegħu fid-Djalogu mas-Serbja, inkluż l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha.

V. ANNESI

1. Ġabra fil-qosor tal-kostatazzjonijiet tar-rapporti
2. Statistiċi kruċjali

ANNEX 1 – Ġabra fil-qosor tal-kostatazzjonijiet tar-rapporti

It-Turkija

F'attentat ta' kolp ta' stat militari fil-lejl tal-15 ta' Lulju kien hemm 241 vittma u 2 196 persuna feruta. Il-Gvern Tork bl-appoġġ tal-ispettru politiku kollu u tas-soċjetà Torka, imnexxielu jegħleb l-attentat ta' kolp ta' stat. Il-Gran Assemblea Nazzjonali Torka simbolikament laqqgħet sessjoni speċjali mal-ewwel fis-16 ta' Lulju u adottat dikjarazzjoni approvata mill-partiti kollha rrappreżentati fil-Parlament. Il-gvern waħħal fil-moviment Gülen li organizza l-attentat ta' kolp ta' stat.

L-UE kkundannat immedjatement u bil-qawwa l-attentat ta' kolp ta' stat, li kien jirrappreżenta attakk dirett fuq id-demokrazija fit-Turkija bħala tali, u tenniet l-appoġġ sħiħ tagħha għall-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż.

Fl-20 ta' Lulju ġie ddikjarat stat ta' emerġenza fit-Turkija kollha għal tliet xhur, li ġie estiż ulterjorment għal tliet xhur oħra fit-3 ta' Ottubru. Iddaħħlu emendi leġislattivi sinifikanti permezz ta' digrieti. It-Turkija nnotifikat lill-Kunsill tal-Ewropa li kienet se tidderoga mill-obbligu tagħha li tiggarantixxi għadd ta' drittijiet fundamentali protetti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem. Wara l-attentat ta' kolp ta' stat, kien hemm għadd estensiv ħafna ta' sospensjonijiet, tkeċċijiet, arresti u detenzjonijiet fuq rabtiet allegati mal-moviment Gülen u l-involviment fl-attentat ta' kolp ta' stat. Il-miżuri laqtu l-ispettru kollu tas-soċjetà b'impatt partikolari fuq il-ġudikatura, il-pulizija, il-ġendarmerija, il-militar, is-servizz ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-akkademiċi, l-għalliema, l-avukati, il-midija kif ukoll il-komunità tan-negozju. Diversi istituzzjonijiet u kumpaniji privati nġhalqu, l-assi tagħhom ġew sekwestrati jew trasferiti lejn istituzzjonijiet pubbliċi.

Fil-mewġa tal-miżuri ta' wara l-kolp, l-UE talbet lill-awtoritajiet biex josservaw l-ogħla standards tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali. Filwaqt li r-relazzjoni ta' fiduċja u tal-lealtà għandha tkun hemm bejn il-ħaddiema taċ-ċivil u l-istat, u li jistgħu jittieħdu miżuri biex jiġi ggarantit dan, kull allegazzjoni ta' għemil ħażin trid tiġi stabbilita permezz ta' proċeduri trasparenti f'kull każ individwali. Ir-responsabbiltà kriminali individwali tista' tiġi stabbilita biss fir-rispett sħiħ tas-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura u d-dritt ta' kull individwu għal proċes ġust quddiem il-Qorti, inkluż l-aċċes effettiv għal avukat. It-Turkija għandha tara li kull miżura tittieħed biss sal-livell strettament meħtieġ għall-eżiġenzi tas-sitwazzjoni u li f'kull każ ikun hemm prova ta' neċessità u proporzjonalità. Il-miżuri meħuda wara l-istat ta' emerġenza qegħdin taħt l-iskrutinju tal-Kunsill tal-Ewropa. It-Turkija għandha tindirizza b'mod urġenti r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Ottubru 2016.

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, qabel l-attentat ta' kolp ta' stat il-Parlament kien impenjat b'aġenda leġislattiva kbira sabiex jimplimenta l-pjan ta' azzjoni ambizzjuż għar-riforma tal-gvern għall-2016 u r-rekwiżiti leġislattivi tal-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża. Madankollu, diversi partijiet kruċjali tal-leġislazzjoni adottata rigward l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ma kinux konformi mal-istandards Ewropej, bħal fil-każ tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta. Il-konfront politiku kompli jfikkil il-ħidma leġislattiva. L-adozzjoni f'Mejju ta' liġi li tippermetti li titneħħa l-immunità ta' għadd kbir ta' deputati, kif ukoll id-detenzjonijiet u l-arrests li kien hemm wara dan ta' diversi Membri tal-Parlament tal-HDP, inkluż żewġ Ko-Presidenti, f'Novembru, dan kollu jagħti lok għal preokkupazzjoni.

Is-sitwazzjoni fix-xlokk tal-pajjiż baqgħet waħda mill-aktar sfidi kritiċi għall-pajjiż. It-Turkija għaddiet minn deterjorament serju ħafna fejn tidħol is-sitwazzjoni tas-sigurtà, li wassal biex kien hemm numru qawwi ta' vittmi wara l-kollass tal-proċess ta' riżoluzzjoni Kurd f'Lulju 2015 u sofriet bosta attakki terroristiċi qattela kbar mill-PKK u minn Da' esh. L-awtoritajiet komplew bil-kampanja estensiva tagħhom militari kontra t-terroriżmu u ta' sigurtà kontra l-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK) li għadu fuq il-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi. Kien hemm rapporti dejjem jiżdiedu dwar allegazzjonijiet serji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-użu sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà fix-xlokk. Ħafna rappreżentanti eletti u uffiċjali eżekuttivi muniċipali fix-xlokk tal-pajjiż ġew sospiżi, imneħħija minn dmirijethom jew arrestati b'akkużi relatati mat-terroriżmu, xi uħud minnhom abbażi ta' digrieti skont l-istat ta' emerġenza wara l-attentat ta' kolp ta' stat. Madankollu, l-miżuri ta' kontra t-terroriżmu jridu jkunu proporzjonati u jridu jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem. Ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tal-Kurdi permezz ta' proċess politiku hija l-unika triq 'l quddiem. Ir-rikonċiljazzjoni u r-rikostruzzjoni wkoll qegħdin isiru kwistjonijiet kruċjali għall-awtoritajiet biex jindirizzaw.

Is-soċjetà ċivili għamlet l-isforzi li setgħet biex tibqa' attiva u involuta fil-ħajja pubblika. L-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili rarament ikunu involuti fil-proċessi tat-tfassil tal-liġijiet u tal-politika. Xi wħud mir-rappreżentanti tagħhom, inklużi difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġew arrestati u kien hemm allegazzjonijiet kredibbli ta' intimidazzjoni. Għadd kbir ta' organizzazzjonijiet ingħalqu bħala parti mill-miżuri ta' wara l-kolp ta' stat meħuda mill-gvern minħabba allegazzjonijiet ta' rabtiet mal-moviment Gülen.

It-Turkija hija moderatament imħejjija fil-qasam tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, b'impenn qawwi favur amministrazzjoni miftuħa u risponsiva. Madankollu, kien hemm rigress fil-qasam tas-servizz pubbliku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani b'mod partikolari wara l-attentat ta' kolp ta' stat. L-impatt strutturali fuq il-funzjonament tas-servizz ċivili tal-miżuri li ttieħdu wara l-attentat ta' kolp ta' stat għad irid jiġi evalwat.

Is-sistema ġudizzjarja tat-Turkija hija fi stadju bikri/għandha xi livell ta' tħejjija. Kien hemm rigress matul is-sena li għaddiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura. Il-bidliet estensivi fl-istrutturi u l-għamla tal-qراطي superjuri huma ta' tħassib serju u mhux konformi mal-istandards Ewropej. L-imħallfin u l-prosekuturi għadhom qegħdin jitneħħew mill-professjoni tagħhom u fxi każijiet kienu arrestati fuq allegazzjonijiet ta' konfoffi mal-moviment Gülen. Din is-sitwazzjoni kompliet sejra għall-agħar wara l-attentat ta' kolp ta' stat f'Lulju, meta wieħed minn kull ħames imħallfin u prosekuturi tkeċċew u l-assi tagħhom ġew iffriżati. Il-ġudikatura trid taħdem f'ambjent li jippermettilha twettaq il-kompiti tagħha b'mod indipendenti u imparzjali, bl-eżekuttiv u l-leġislatura jirrispettaw kompletament is-separazzjoni tal-poteri. Bl-istat ta' emerġenza, it-Turkija kompli jestendi, fir-rigward ta' ċerti reati, id-detenzjoni ta' qabel il-ġuri għal 30 jum mingħajr aċċess għal imħallef, kontra l-każistika tal-ECtHR u parti importanti tal-ġudikatura hija suġġetta għal dawn il-miżuri.

Il-pajjiż għandu xi livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. L-adozzjoni ta' strateġija ġdida u ta' pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni hija pass 'il quddiem anki jekk għadha limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-qafas legali għadu jbati minn nuqqasijiet kbar u l-influwenza tal-eżekuttiv fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni bi profil għoli għadha sors ewlieni ta' tħassib. Il-perċezzjoni tal-korruzzjoni għadha għolja.

It-Turkija kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-kapaċità istituzzjonali tqawwiet u ġew adottati strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni ġodda. Madankollu, l-

istatistika dwar l-għadd ta' kundanni finali u indikaturi importanti oħra ma humiex disponibbli. L-investigazzjonijiet finanzjarji għadhom mhux qed jintużaw biżżejjed. L-iffriżar prekawzjonali tal-assi rarament jiġi applikat u l-livell tal-assi kkonfiskati huwa baxx. Fil-ġlieda kontra t-terroriżmu hemm qafas legali komprensiv dwar il-finanzjament tat-terroriżmu. Il-liġi kontra t-terroriżmu mhijiex konformi mal-*acquis* fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet u l-applikazzjoni tagħha jqajmu tħassib serju fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali. Kemm il-leġislazzjoni kriminali kif ukoll il-leġislazzjoni ta' kontra t-terroriżmu jeħtieġ li jinġiebu konformi mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, mingħajr ma titnaqqas il-ħila tat-Turkija li tiġġieled it-terroriżmu. Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi osservat fil-prattika.

Il-qafas legali Tork jinkludi garanziji ġenerali tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, li jeħtieġ li jittejjeb aktar. L-infurzar tad-drittijiet li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR - *European Convention on Human Rights*) u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECtHR - *European Court of Human Rights*) għadha mhijiex garantita. Kienu rrappurtati bosta allegazzjonijiet ta' ksur serju tal-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin u tad-drittijiet proċedurali fil-ġranet ta' wara l-attentat ta' kolp ta' stat. Madankollu, il-miżuri kollha li jittieħdu għandhom ikunu konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Il-Liġi l-Ġdida dwar l-Istituzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Ugwaljanza tat-Turkija hija pass fid-direzzjoni t-tajba. Hija tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq għadd kbir ta' raġunijiet, iżda ma tkoprix b'mod espliċitu l-orjentazzjoni sesswali. Għad hemm il-ħtieġa li tiġi adottata liġi totalment komprensiva ddedikata lill-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Teżisti lakuna legali f'każijiet ta' drittijiet tal-bniedem peress li l-istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza għadha ma ġietx stabbilita. Id-drittijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli u ta' persuni li jappartjenu għall-minoritajiet għandhom ikunu mħarsa b'mod xieraq. Il-vjolenza sessista, id-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda kontra l-minoranzi, ir-reati ta' mibegħda u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transgender u intersex (LGBTI) għadhom sors ta' tħassib serju.

Kien hemm rigress serju matul is-sena li għaddiet fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni . L-applikazzjoni selettiva u arbitraria tal-liġi, b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà nazzjonali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, qiegħda jkollha impatt negattiv fuq il-libertà tal-espressjoni. Kawżi kriminali ġodda u dawk li għadhom għaddejjin kontra ġurnalisti, kittieba jew utenti tal-midja soċjali, l-irtirar tal-akkreditazzjonijiet, l-għadd kbir ta' arresti ta' ġurnalisti kif ukoll l-għeluq ta' bosta kumpaniji tal-midja wara l-attentat tal-kolp ta' stat ta' Lulju huma ta' tħassib serju. Il-libertà tal-assemblea għadha ristretta ħafna, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika.

It-Turkija għadha tesprimi l-appoġġ għat-taħditiet dwar ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru bejn il-mexxejja taż-żewġ komunitajiet, u għall-isforzi tal-Konsulent Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU. L-impenn u l-kontribut tat-Turkija f'termini konkreti għal soluzzjoni komprensiva għadhom kruċjali. Madankollu, it-Turkija għadha ma implimentatx l-obbligi tagħha biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa u mhux diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u għadha ma neħħietx l-ostakli kollha fuq il-moviment ħieles tal-prodotti, inkluż r-restrizzjonijiet fuq ir-rotot ta' trasport diretti ma' Ċipru. Ma sar l-ebda progress fejn tidħol in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-konklużjonijiet dwar it-Turkija adottati mill-Kunsill (Affarjiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fl-11 ta' Diċembru 2006 u approvati mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2006

għadhom fis-seħħ. Huma jistipulaw li n-negozjati ma jinfetħux fuq tmien kapitoli² marbuta mar-restrizzjonijiet tat-Turkija rigward ir-Repubblika ta' Ċipru u li ma huwa se jingħalaq b'mod proviżorju l-ebda kapitolu sakemm il-Kummissjoni tikkonferma li t-Turkija tkun implimentat għal kollox il-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

It-Turkija jeħtieġ li tikkommetti ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajba tal-viċinat, ftehimiet internazzjonali, u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-UE esprimiet għal darb'oħra tħassib serju u ħeġġet lit-Turkija sabiex tevita kull tip ta' theddid jew azzjoni diretta kontra Stat Membru, jew sors ta' frizzjoni jew azzjonijiet, li jkunu ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajba tal-viċinat u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim.

Fir-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, l-ekonomija tat-Turkija hija avvanzat sew u tista' tiġi kkunsidrata ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Madankollu, l-iżbilanċ estern kbir jagħmel l-ekonomija Torka vulnerabbli għall-inċertezza finanzjarja, għall-bidliet fis-sentiment tal-investituri globali u għar-riskji politiċi. Il-Bank Ċentrali naqqas ir-rati tal-imgħax għalkemm l-inflazzjoni baqgħet ogħla sew mill-mira uffiċjali. L-ambjent tan-negozju kompli jmur għall-aġar minħabba l-azzjonijiet immirati kontra l-mezzi tax-xandir u nies fin-negozju li jikkritikaw lill-gvern, u kontra l-avversarji politiċi permezz tal-użu attiv tal-amministrazzjoni fiskali, ir-reati finanzjarji u l-qrati. L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali biex jitjieb il-funzjonament tas-swieq għall-prodotti, is-servizzi u x-xogħol, waqfet. B'mod ġenerali, kien hemm rigress.

It-Turkija għandha livell tajjeb ta' tħejjija biex tikseb il-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Sar xi progress f'numru ta' oqsma, b'mod partikolari permezz ta' aktar liberalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija. Għad hemm problemi sinifikanti fir-rigward tal-kwalità tal-edukazzjoni. Hemm ukoll problemi ta' aċċess għall-edukazzjoni tal-bniet. L-apprezzament reali tal-lira naqqas il-kompetittività tal-ekonomija fejn jidħlu prezzijiet.

Rigward l-**abbiltà tagħha li tieħu fuqha l-obbligi tas-sħubija**, it-Turkija kompliet tallinja tuħha mal-*acquis*. Bl-eċċezzjoni pożittiva tal-ħidma marbuta mal-liberalizzazzjoni tal-viża, l-isforzi komplew b'pass kajman. It-Turkija hija avvanzaa sew fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, in-netwerks Trans-Ewropej, u x-xjenza u r-riċerka u kisbet livell tajjeb ta' tħejjija fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-liġi tal-proprietà intellettuali, is-servizzi finanzjarji, il-politika dwar l-intrapriżi u l-politika industrijali, il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni u l-kontroll finanzjarju. It-Turkija hija mħejjija biss b'mod moderat fejn jidħol l-akkwist pubbliku peress li għad fadal diskrepanzi kbar fl-allinjament tagħha. It-Turkija hija mħejjija b'mod moderat fil-qasam tal-istatistika u tal-politika dwar it-trasport fejn huma meħtieġa sforzi sinifikanti ulterjuri fl-oqsma kollha. It-Turkija laħqet biss xi livell ta' tħejjija fl-ambjent u t-tibdil fil-klima fejn politiki aktar ambizzjużi u politiki koordinati aħjar għad iridu jiġu stabbiliti u implimentati. Fl-oqsma kollha, jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għall-infurzar tal-leġislazzjoni filwaqt li bosta oqsma jeħtieġu aktar progress sinifikanti biex jintlaħaq allinjament leġislattiv mal-*acquis* tal-UE.

² Il-moviment ħieles tal-merkanzija, id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi, is-servizzi finanzjarji, l-agrikultura u l-iżvilupp rurali, is-sajd, il-politika tat-trasport, l-Unjoni Doganali u r-relazzjonijiet esterni.

Il-Montenegro

Rigward **il-kriterji politiċi**, ftehim politiku dwar l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti wassal għall-istabbiliment ta' "gvern ta' fiduċja elettorali" f'Mejju. Minkejja l-polarizzazzjoni li tippersisti fl-ambjent politiku, dan ta' prova tal-ħila li jistgħu jintlaħqu l-kompromessi bejn il-gvern u partijiet mill-oppożizzjoni. L-elezzjonijiet parlamentari ta' Ottubru 2016 saru taħt qafas legali sostanzjalment rivedut. Minkejja dewmien tekniku u relazzjonijiet diffiċli bejn l-istituzzjonijiet responsabbli, b'mod ġenerali, il-preparazzjonijiet tal-elezzjoni tmexxew b'mod aktar parteċipattiv u trasparenti. L-elezzjonijiet saru f'ambjent kompetittiv u kienu kkaratterizzati min rispett, b'mod ġenerali, għal-libertajiet fundamentali. L-awtoritajiet nazzjonali rilevanti mistennija li jinvestigaw b'mod malajr u trasparenti xi allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet proċedurali, l-arresti li saru u l-għeluq temporanju ta' żewġ pjattaformi mobbli ta' komunikazzjoni. Ma kien hemm ebda segwitu politiku għall-abbuż allegat ta' fondi pubbliċi għal finijiet politiċi partiġġjani ("il-każ tar-reġistrazzjonijiet awdjo").

Il-Montenegro huwa mħejji b'mod moderat fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tiegħu. Sar xi progress, b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-istrateġija ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika 2016-2020, tal-programm tar-riforma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika, id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar is-salarji u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi. Madankollu, tinhtiegħ rieda politika qawwija biex tiġi indirizzata b'mod effettiv id-depolitiċizzazzjoni tas-servizz pubbliku u biex l-amministrazzjoni tal-Istat tiċċekken għad-daqs tajjeb tagħha.

Is-sistema ġudizzjarja hija mħejjija b'mod moderat. Matul il-perjodu ta' rappurtar, il-Montenegro għamel xi progress f'dan il-qasam. Il-kapaċità tal-Kunsill Ġudizzjarju u tal-Prosekuzzjoni tjiebet. Madankollu, il-qafas leġislattiv il-ġdid biex tiżdied l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-professjonalità tal-ġudikatura, kif ukoll il-Kodiċi tal-Etika, għadhom ma ġewx implimentati b'mod sħiħ. Hemm bżonn li jitkomplew il-miżuri sabiex jonqos in-numru ta' kawżi pendenti u t-tul totali tal-proċedimenti.

Il-Montenegro kiseb ċertu livell ta' tħejji fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. L-Aġenzija kontra l-Korruzzjoni bdiet il-ħidma tagħha fl-2016. Il-proċess tal-bini tal-istituzzjonijiet huwa kważi lest. L-istituzzjonijiet kollha għandhom jagħtu prova ta' attitudni iżjed proattiva biex iwettqu l-mandat tagħhom. Minkejja xi passi oħra meħuda, l-istorja pożittiva kemm dwar is-suċċess tal-investigazzjonijiet kif ukoll tal-kundanni, b'mod partikolari f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u fuq il-prevenzjoni tal-korruzzjoni għadha limitata. Il-Montenegro jehtiegħ iżid il-kapaċità biex iwettaq investigazzjonijiet finanzjarji u jiġi stabbilit rekord ta' qbid u konfiska ta' assi kriminali.

Il-Montenegro kiseb ċertu livell ta' tħejji fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Sar xi progress, partikolarment dwar it-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali, legali u regolatorju. Għandhom jitkomplew l-isforzi biex tiġi żviluppata storja pożittiva rigward każijiet ta' kriminalità organizzata, speċjalment fir-rigward tat-traffikar tal-bnedmin u l-ħasil tal-flus fejn ir-riżultati huma limitati. L-għadd ta' tranżazzjonijiet bankarji suspettużi misjuba għadu baxx.

Il-Montenegro lesta numru ta' riformi leġislattivi biex ikompli jallinja ruħu mal-UE u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u jiżgura li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi xierqa sabiex jiġu protetti l-gruppi vulnerabbli mid-diskriminazzjoni. L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni għadha dgħajfa. Emendi għall-qafas leġislattiv kumplessiv, li jiżguraw politika ta' sanzjonar koerenti għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, għadhom ma

ġewx adottati. Il-kapaċità istituzzjonali jeħtieġ li tkompli titqawwa. Il-minoranza tar-Rom għadha l-aktar komunità vulnerabbli u diskriminata f'bosta oqsma differenti tal-ħajja.

Il-Montenegro kiseb xi livell ta' tħejjija fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni, iżda ma sar l-ebda progress ulterjuri matul l-aħħar sena. L-għadd ta' każijiet ta' defamazzjoni għadu għoli, li jindika dgħjufija fil-mekkaniżmi ta' awtoregolazzjoni, kif ukoll li jeżistu sfidi fl-għarfien tar-rwol tal-midja. Il-Montenegro għad irid jilħaq allinjament kumplessiv mal-każistika tal-Qorti Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-uffiċċji ta' kumpanija waħda tal-midja kummerċjali ġarrbu xi ħsarat u għadd ta' ġurnalisti ġew fiżikament u verbalment attakkati u mhedda waqt protesti kontra l-gvern f'Ottubru 2015. Ma sar l-ebda progress fir-risoluzzjoni ta' każijiet ta' attakki fuq il-ġurnalisti. Għandu jiġi żgurat li fir-reklamar tal-istat fuq il-midja jkun hemm it-trasparenza u li ma jkunx hemm diskriminazzjoni. Il-Kodiċi ta' Etika għall-Ġurnalisti, rivedut, għandu jiġi applikat b'mod effettiv u uniformi madwar il-komunità tal-midja.

Il-Montenegro għad għandu rwol konstruttiv fil-kooperazzjoni reġjonali. Huwa rratifika l-ftehimiet mal-Bożnija-Herzegovina u mal-Kosovo dwar il-fruntieri*.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, il-Montenegro huwa mħejji fl-livell moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Sar xi progress fit-tisħiħ tal-funzjonament tas-swieq tal-finanzi u tax-xogħol, kif ukoll fit-titjib tal-ambjent tan-negozju. L-investimenti fl-infrastruttura u t-turiżmu huma ta' sostenn għall-attività ekonomika. Madankollu, id-dejn pubbliku li qiegħed jiżdied malajr, kif ukoll id-defiċits fiskali għolja, flimkien ma' żbilanċi esterni għolja, kif ukoll il-qgħad għoli, għadhom ta' tħassib. L-effetti kkombinati ta' investimenti kbar fl-infrastruttura pubblika kif ukoll diversi programmi ġodda ta' nefqa soċjali, bi spiża kbira, huma ta' sfida għas-sostenibbiltà fiskali. Huma meħtieġa miżuri korrettivi immedjati, skont l-appell tal-gwida ta' politika fl-ERP. Problemi oħra li jridu jiġu ffaċċjati jinkludu l-iżbilanċi esterni għolja u l-parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol kif ukoll it-tkabbir baxx fil-kreditu fost ħafna self indebolit mill-bank.

Il-Montenegro huwa mħejji fl-livell moderat fil-ħila tiegħu li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni. Sar xi progress fit-titjib tal-kwalità tal-infrastruttura, is-suq tal-enerġija u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Is-sostenn għall-SMEs huwa moderat iżda qiegħed f'it f'it jiżviluppa. Madankollu, għad hemm bżonn ta' sforzi sostanzjali biex jiġi żviluppat il-kapital uman kif ukoll industrija kompetittiva orjentata lejn l-esportazzjoni.

Għar-rigward **tal-abbiltà tiegħu li jieħu fuq l-obbligi tas-sħubija**, saret ħidma importanti fejn jidħol l-allinjament u t-tħejjija għall-implimentazzjoni tal-*acquis* u l-Montenegro huwa ppreparat fl-livell moderat f'ħafna kapitoli, bħal ma hu l-moviment liberu tal-prodotti, l-akkwist pubbliku, l-istatistika kif ukoll il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Il-Montenegro kompla jallinja ruħu mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet komuni kollha tal-UE rigward l-affarijiet barranin u dawk li jolqtu s-sigurtà. Il-Montenegro jinsab fl-istadju bikri tat-tħejjija rigwar is-sajd u d-dispożizzjonijiet baġitarji u finanzjarji, u jinsab f'ċertu livell ta' tħejjija fil-qasam tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima. Sar progress tajjeb fl-oqsma tal-moviment liberu tal-prodotti, tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, tas-sigurtà tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, l-enerġija, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-unjoni doganali, ir-relazzjonijiet esterni u l-kontroll finanzjarju. Għall-quddiem, il-Montenegro għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-politika tal-kompetittività u l-politika ekonomika u monetarja. It-tisħiħ tal-

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

kapaċità amministrativa għall-iżgurar tal-applikazzjoni tal-*acquis* għadha sfida sostanzjali għall-Montenegro.

Is-Serbja

Għar-rigward tal-**kriterji politiċi**, l-elezzjonijiet nazzjonali bikrija, li saru f'April flimkien mal-elezzjonijiet provinċjali u lokali, saru f'atmosfera kalma. Huwa meħtieġ li jsir segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-osservaturi internazzjonali, inklużi dawk dwar it-trasparenza tal-iffinanzjar tal-kampanji u dwar il-proċess ta' reġistrazzjoni. Il-programm il-ġdid tal-gvern kien jinkludi l-adeżjoni mal-UE tas-Serbja bħala għan prijoritarju. L-involvement tal-parlament u ta' partijiet interessati, inkluża s-soċjetà ċivili, fil-proċess tal-adeżjoni, komplajtjejjeb. Madankollu, l-inklussività, it-trasparenza u l-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u s-sorveljanza effettiva tal-eżekuttiv jeħtieġ li jkomplu jittejbu, kif ukoll għandu jiġi limitat l-użu ta' proċeduri ta' urġenza. Hemm bżonn ta' riformi kostituzzjonali biex ikun hemm allinjament ma' standards tal-UE f'ċerti oqsma. Jeżisti lok għal titjib fil-kooperazzjoni bejn l-eżekuttiv u istituzzjonijiet regolatorji indipendenti.

Is-Serbja hija mħejjija fuq livell moderat fil-qasam tar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika. Sar progress tajjeb bl-adozzjoni tal-programm ta' riforma tal-ġesjoni tal-finanzi pubbliċi, l-istrateġiji dwar is-servizzi elettroniċi tal-gvern u dwar ir-riforma regolatorja u t-tfassil tal-politika, u ta' liġijiet ġodda dwar proċeduri amministrattivi, is-salarji pubbliċi u l-uffiċjali taċ-ċivil fuq livell lokali u provinċjali. Is-Serbja jeħtieġ timplimenta l-miri ta' riforma tagħha, tipprofessjonalizza u tiddepolitiċizza l-amministrazzjoni u ġġib il-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' tkeċċija aktar trasparenti, speċjalment dejn jidħlu pożizzjonijiet amministrattivi għolja.

Is-sistema ġudizzjarja laħqet ċertu livell ta' tħejjija. Ittieħdu xi passi għall-promozzjoni ta' sistema ta' rekrutaġġ ibbażata fuq il-mertu, u fl-armonizzazzjoni tal-ġurisprudenza. Hemm bżonn ta' aktar passi biex tiġi mrażżna l-influwenza politika. Il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura u l-aċċess għall-ġustizzja għadhom imminati minn tqassim irregolari ta' każijiet, lista' twila ta' każijiet b'lura u min-nuqqas ta' sistema ta' għajjnuna legali b'xejn.

Is-Serbja kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. L-isforz kontra l-korruzzjoni għad irid jagħti riżultati sinifikanti. Il-qafas istituzzjonali għadu mhux qiegħed jiffunzjona bħala deterrent kredibbli għal prassi li jikkorrompu. Jeħtieġ li jkun hemm storja pożittiva ta' investigazzjonijiet effettivi, prosekuzzjonijiet u sentenzi ta' kundanna f'każijiet ta' korruzzjoni, inkluż f'livell għoli.

Is-Serbja għandha ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Sar xi progress fl-adozzjoni ta' liġi tal-pulizija ġdida, fir-riorganizzazzjoni tal-Ministeru tal-Intern u fl-adozzjoni tal-ewwel evalwazzjoni dwar it-theddida mill-kriminalità serja u dik organizzata (SOCTA - Serious and Organised Crime Threat Assessment) Għad trid tiġi stabbilita storja pożittiva kredibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Il-qafas legali u istituzzjonali għar-rispett tad-drittijiet fundamentali qiegħed hemm. Hemm bżonn li tiġi assicurata l-implimentazzjoni konsistenti madwar il-pajjiż, inkluż fejn tidħol il-protezzjoni tal-minoritajiet. Ma sar l-ebda progress għat-titjib tal-eżerċizzju sħiħ tal-liberta tal-espressjoni, fejn is-Serbja kisbet ċertu livell ta' tħejjija. Is-Serbja kienet l-ewwel pajjiż involut fit-tkabbir li daħħal l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-UE. Hemm bżonn ta' aktar sforzi sostnuti biex titjeb is-sitwazzjoni ta' persuni li jappartjenu għall-grupp li l-aktar

ibatu minn diskriminazzjoni (ir-Rom, il-lezbbjani, il-gays, il-bisesswali, it-transgender u l-persuni intersex, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li għandhom l-HIV/AIDS u gruppi soċjalment vulnerabbli oħra).

Is-Serbja pparteċipat b'mod kostruttiv finizjattivi reġjonali u ħadmet biex ittejjeb ir-relazzjonijiet bilaterali fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni, relazzjonijiet tajba mal-viċinat u biex tistabbilixxi klima li twassal għall-indirizzar ta' kwistjonijiet bilaterali miftuħa u tal-feriti tal-passat. L-iffirmar f'Ġunju ta' dikjarazzjoni konġunta mal-Kroazja li taffaċċja kwistjonijiet bilaterali kien żvilupp pożittiv. Approċċ bħal dan huwa kruċjali għar-rikonċiljazzjoni, il-paċi u l-kooperazzjoni fir-reġjun, u għandu jiġi segwit b'mod konsistenti.

Għar-rigward **tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo**, is-Serbja għadha impenjata li timplimenta l-ftehimiet milħuqa fid-djalogu ffaċilitat mill-UE. Il-progress li sar kien wieħed limitat, anki minħabba l-proċess elettorali fis-Serbja u s-sitwazzjoni domestika fil-Kosovo. Madankollu, il-pass reġa' tħaffef f'Awwissu 2016 mal-bidu tal-ħidma fuq il-pont ta' Mitrovica u fuq il-libertà tal-moviment. Għad hemm bżonn ta' sforzi kontinwi għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet li diġà ntlaħqu mal-Kosovo. Il-passi meħuda għandu jkollhom impatt pożittiv u konkret fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kemm tas-Serbja kif ukoll tal-Kosovo.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, is-Serbja hija mħejjija fl-livell moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Sar progress tajjeb biex jiġu indirizzati xi wħud mid-dgħufijiet ta' politika, b'mod partikolari fejn jidħol id-defiċit tal-baġit u r-ristrutturar tal-impriżi li huma proprjeta pubblika. Ir-riformi ekonomiċi għabu magħhom riżultati ċari fejn jidħlu l-prospetti għat-tkabbir u t-tnaqqis tal-iżbilanċi domestiċi u esterni. Fid-dawl tal-livell tad-dejn tal-gvern li għadu għoli, hemm bżonn li l-konsolidazzjoni fiskali tiġi sostnuta. Ir-ristrutturar tal-utilitajiet il-kbar tal-istat għad trid titlesta. L-attività tal-kreditu qiegħda tirkupra iżda l-livell għoli ta' self improduttiv għadha problema. Il-qgħad għadu għoli, partikolarment fost iż-żgħażaġh. L-espansjoni ulterjuri tas-settur privat hija mxekkla minn dgħufijiet fl-istat tad-dritt.

Is-Serbja, hija mħejjija fl-livell moderat fil-ħila tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni. L-investimenti pubbliċi u privati żdiedu, għalkemm il-livell ta' attività ta' investiment għadu anqas mill-ħtiġijiet tal-ekonomija. Il-kwalità, l-ugwaljanza u r-relevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ ma jlaħħqux mal-ħtiġijiet tas-soċjetà. **Sar xi progress** fir-rigward tas-sostenn lill-SMEs u l-imprenditorija iżda l-SMEs għandhom quddiemhom għadd ta' sfidi, inkluż ambjent tan-negozju mhux prevedibbli, livell għoli ta' miżati para-fiskali, kif ukoll aċċess diffiċli u li jiswa' ħafna flus għall-finanzi.

Rigward **l-abbiltà tagħha li tieħu fuqha l-obbligi tas-sħubija**, is-Serbja kompliet tallinja tuħha mal-*acquis* tal-UE fis-setturi kollha. Ir-riżorsi finanzjarji u umani adegwati kif ukoll oqsfa strateġiċi sodi se jkun kruċjali għaż-żamma tal-pass tar-riformi. Is-Serbja għadha livell tajjeb ta' tħejjija foqhma bħal ma huma l-liġi tal-kumpaniji, il-proprjeta intellettwali, ix-xjenza u r-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura u d-dwana. Is-Serbja jeħtiġilha li tkompli ttejjeb l-ippjanar tal-investiment u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti infrastrutturali strateġikament importanti u maturi permezz tal-Kumitat tagħha tal-Pajplajn ta' Proġett Uniku u tal-Investiment Nazzjonali, speċjalment fl-enerġija u t-trasport. Fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, l-istatistika, il-politika monetarja jew il-kontroll finanzjarju, is-Serbja hija mħejjija fl-livell moderat. Is-Serbja se jkollha bżonn tallinja l-politika tagħha barranija u ta' sigurta f'tit f'tit mal-politika komuni barranija u ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea fil-perjodu li jwassal għall-adeżjoni. Is-Serbja jeħtieġ li tindirizza, bħala prijorità, kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformita

mal-SAA, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri ta' salvagardja dwar xi prodotti agrikoli, il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, u d-diskriminazzjoni fiskali.

Is-Serbja kompliet tiġi affettwata mill-kriżi tal-migrazzjoni. Dan ħoloq piż sostanzjali fuq is-sistema tagħha ta' ażil u ta' migrazzjoni. Is-Serbja baqgħet tikkoopera mal-pajjiżi ġirien u mal-Istati Membri, żgurat li jsiru verifiki effettivi fuq ir-rifuġjati u l-migranti, u għamlet sforzi sostanzjali biex tipprovdi kenn u provvisti umanitarji, bl-appoġġ tal-UE kif ukoll bl-appoġġ ta' oħrajn. Huwa importanti li l-impenn tas-Serbja jkompli. Is-Serbja għandha wkoll tkompli bl-isforzi tagħha li tnaqqas l-għadd ta' applikazzjonijiet infondati għall-ażil li jkunu ppreżentaw iċ-ċittadini tagħha fi Stati Membri tal-UE.

L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Għar-rigward **tal-kriterji politiċi**, il-pajjiżi kellu jaffaċċja l-kontinwazzjoni tal-aktar kriżi politika serja mill-2001 'l hawn. Id-demokrazija u l-istat tad-dritt kienu qegħdin jiġu sfidati l-ħin kollu, b'mod partikolari minħabba l-manipulazzjoni tal-Istat li taffettwa l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u oqsma kruċjali tas-soċjetà. Il-pajjiż isofri minn kultura politika ta' firda u nuqqas ta' ħila għall-kompromess. Fl-20 ta' Lulju u fil-31 ta' Awwissu 2016, il-mexxejja tal-erba' partiti politiċi ewlenin laħqu ftehim fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pržino, inkluż bl-istabbiliment tal-11 ta' Diċembru 2016 bħala d-data li fiha jsiru elezzjonijiet parlamentari bikrija u bid-dikjarazzjoni tal-appoġġ tagħhom għall-ħidma tal-Prosekutur Speċjali. Huma saħqu wkoll fuq l-impenn tagħhom li jimplimentaw il-"Prijoritajiet Urġenti ta' Riforma".

Is-sitwazzjoni interetnika baqgħet fraġli. Ir-reviżjoni tal-Ftehim ta' Qafas Ohrid, li temm il-kunflitt tal-2001 u jipprovdi l-qafas tar-relazzjonijiet interetniċi għad irid jitlesta b'mod trasparenti u inklussiv.

Is-soċjeta ċivili kellha rwol kostruttiv fl-appoġġ ta' proċessi demokratiċi u biex tiżgura li jkun hemm aktar kontrolli u bilanċi. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom qegħdin jesprimu t-tħassib tagħhom rigward id-deterjorament tal-klima li fiha joperaw u dwar l-impenn limitat tal-gvern għad-djalogu, kif ukoll dwar l-attakki pubbliċi mill-politiċi u l-midja favur il-gvern.

Il-pajjiż huwa mħejji b'mod moderat fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tiegħu. Sar xi progress, għalkemm limitat, matul is-sena li għaddiet. Bdiet l-implimentazzjoni tal-qafas legali l-ġdid dwar l-amministrazzjoni tar-riżorsi umani. Madankollu, ma sarx biżżejjed progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' qabel tal-Kummissjoni. Mhux talli l-kuntratti temporanji ma kinux qegħdin jiġu sospiżi, talli dawn kienu għadhom qegħdin jiġu trasformati f'permanenti mingħajr kompetizzjoni trasparenti. Linji ta' responsabbiltà mhux effettivi, l-użu tas-settur pubbliku bħala strument politiku, l-allegazzjonijiet ta' pressjoni eżerċitata fuq impjegati pubbliċi u l-allegata politiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni f'sena elettorali, għadhom ta' tħassib. Strateġija ta' riforma komprensiva fl-amministrazzjoni pubblika għall-2017-2022 qiegħda tiġi mħejjija, imma tard. Barra minn dan, in-nuqqas ta' impenn politiku biex jinkisbu riżultati fejn jidħlu r-riformi neċessarji fl-amministrazzjoni tal-finanzi pubbliċi wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-assistenza finanzjarja mill-UE fl-2016.

Is-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż laħqet xi livell ta' tħejjija. Madankollu, is-sitwazzjoni ilha sejra lura mill-2014 u l-kisbiet fil-proċess ta' riforma fl-għaxar snin ta' qabel ġew imminati bl-

interferenza politika rikorrenti fil-ħidma tal-ġudikatura. L-awtoritajiet ma rnexxilhomx jagħtu prova ta' rieda politika neċessarja biex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-kwistjonijiet sottostanti kif identifikati fil-"Prioritajiet Urġenti ta' Riforma". Il-Prosekutur Pubbliku, uffiċċju li għadu kif ġie stabbilit, kellu jaffaċċja għadd ta' ostakoli, u dan wera l-hteġa li jiġi indirizzat b'mod effettiv in-nuqqas ta' indipendenza tal-ġudikatura u li ma jkunx hemm ġustizzja selettiva.

Rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-pajjiż għandu xi livell ta' tħejjija. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. Il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali ġie żviluppat. Madankollu, in-nuqqasijiet strutturali tal-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni kif ukoll l-interferenza politika fil-ħidma tagħha imminimizzaw l-impatt tal-isforzi li saru fil-passat. Għad hemm il-hteġa li tiġi stabbilita storja pożittiva konvinċenti, speċjalment fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-pajjiż laħaq xi livell ta' tħejjija. Il-qafas leġiżlattiv huwa b'mod ġenerali konformi mal-istandards Ewropej u ġew maħduma strateġiji. Madankollu, il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex jiġu investigati reati kriminali finanzjarji u biex jiġu kkonfiskati assi għad trid tiġi żviluppata ulterjorment.

Rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali huwa kumplessivament konformi mal-istandards Ewropej. Hemm bżonn ta' aktar sforzi fil-prattika biex jiġi żgurat ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem ta' gruppi vulnerabbli, inklużi r-refuġjati u l-migranti. Hemm ukoll nuqqas kontinwu ta' rieda politika u ta' riżorsi adegwati biex il-korpi relevanti ta' superviżjoni u ta' regolamentazzjoni jkun jistgħu jwettqu l-mandat tagħhom b'mod indipendenti u effettiv. L-aktar kategoriji marġinalizzati tal-popolazzjoni għadhom mhux qegħdin jingħataw il-protezzjoni sħiħa. Fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni, il-pajjiż għandu xi livell ta' tħejjija. Madankollu, il-libertà tal-espressjoni u s-sitwazzjoni tal-midja għadhom ta' sfida serja fil-klima politika preżenti.

Għar-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali, il-pajjiż b'mod ġenerali għad għandu relazzjonijiet tajbin ma' pajjiż oħra involuti fit-tkabbir u pparteċipa b'mod attiv f'inizjattivi reġjonali. Ittieħdu passi biex jitjiebu r-relazzjonijiet tajbin fil-viċinat, inkluż permezz ta' progress li sar reċenti fl-implimentazzjoni tal-miżuri li jkattu l-fiduċja mal-Greċja. Il-"kwistjoni tal-isem" jeħtieġ li tiġi riżolta urġentement.

Għar-rigward **tal-kriterji ekonomiċi**, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha livell tajjeb ta' tħejjija fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Kumplessivament, ma sar l-ebda progress lejn ekonomija tas-suq effettiva matul il-perjodu ta' rapportar. L-istabbiltà makroekonomika ġiet ippreservata u l-ambjent makroekonomiku kompli jissaħħa fl-2015. Dan kien sostnut minn nefqa liema bħalha fuq l-infrastruttura pubblika u minn investiment dirett barrani, għalkemm kienu osservati sinjali ta' dgħujfija fl-ewwel kwart tal-2016. Minkejja li l-qgħad baqa' għoli, b'mod partikolari fejn jidħlu ż-żgħażaġh, dan naqas matul il-perjodu ta' rapportar. Għad hemm ċerti vulnerabbiltajiet, madankollu, bħal ma hi l-kompetittività tas-settur domestiku privat li hija mtellfa minn infurzar dgħajef tal-kuntratti, l-ekonomija informali kbira, u aċċess diffiċli għal-finanzi. L-immaniġġjar tal-finanzi pubbliċi ma kompliex jittejjeb u d-dejn pubbliku kompli jżidied.

L-ekonomija għandha livell moderat ta' tħejjija biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Sar xi progress biex jiddakkru l-innovazzjoni u l-investimenti barranin, u d-diġitalizzazzjoni qegħda tagħmel progress mgħaġġel. L-ekonomija mhix diversifikata tajjeb, madankollu, u l-industrija tal-manifattura l-aktar li tipproduċi huma prodotti ta' valur miżjud baxx. L-ekonomija kompliet issofri minn dgħujfijiet fil-kurrikula tal-

edukazzjoni, rati baxxi ta' innovazzjoni u ħtiġijiet sinifikanti ta' investment, inkluż fl-infrastruttura pubblika, li tagħmilha anqas kompetittiva.

Għar-rigward **tal-ħila tiegħu li jieħu fuq l-obbligi tas-sħubija**, il-pajjiż għandu tħejjija moderata fil-bieċa l-kbira tal-oqsma, inkluż fl-oqsma tal-kompetizzjoni, it-trasport u l-enerġija. Huma meħtieġa aktar sforzi b'mod ġenerali, b'mod partikolari f'dawk il-ftit oqsma fejn il-pajjiż għadu fi stat bikri ta' tħejjija, bħal fil-każ tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Hemm bżonn ukoll ta' aktar iffokar fuq il-kapaċità amministrattiva u l-implimentazzjoni effettiva.

Il-pajjiż kompla jiġi affettwat mill-kriżi tal-migrazzjoni. Dan ħoloq piż sostanzjali fuq is-sistema tiegħu ta' ažił u ta' migrazzjoni. Il-pajjiż baqa' jikkoopera mal-pajjiżi ġirien u mal-Istati Membri, u għamel sforzi biex jipprovdi kenn u provvisti umanitarji, bl-appoġġ tal-UE kif ukoll bl-appoġġ ta' oħrajn. Il-pajjiż għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura verifika effettiva tar-refuġjati u tal-migranti u li jindirizza l-ħtiġijiet relevanti ta' protezzjoni. Il-pajjiż għandu wkoll ikompli bl-isforzi tiegħu li jnaqqas l-għadd ta' applikazzjonijiet infondati għall-ažił li jkunu ppreżentaw iċ-ċittadini tiegħu fi Stati Membri tal-UE.

L-Albanija

Għar-rigward **tal-kriterji politiċi**, bl-eliminazzjoni tal-polarizzazzjoni preċedenti, il-Parlament tal-Albanija adotta b'unanimità emendi kostituzzjonali biex iniedi riforma profonda u komprensiva fis-sistema tal-ġustizzja u l-esklużjoni ta' dawk haġja ta' reati kriminali minn karigi pubbliċi. Fid-dawl tal-elezzjonijiet ġenerali li jmiss, li għandhom isiru fl-2017, l-Albanija mistennija tadotta fiż-żmien propizju emendi għall-kodiċi elettorali kif ukoll riformi relatati. Dawn għandhom jindirizzaw b'mod partikolari n-nuqqas ta' imparzjalità u ta' professjonalità tal-amministrazzjoni elettorali. L-adozzjoni tal-liġi li tistabbilixxi l-kunsill nazzjonali għas-soċjetà ċivili pprova l-qafas għal konsultazzjonijiet aktar strutturali mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

L-Albanija hija mħejjija b'mod moderat fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tagħha. L-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' rekrutaġġ aktar trasparenti tal-ħaddiema taċ-ċivil, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-istrateġiji ta' riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi baqgħu għaddejjin. Huwa kruċjali li jkun hemm aktar progress biex jiġu kkonsolidati l-kisbiet lejn amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti, depolitiċizzata u professjonali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Albanija laqget xi livell ta' tħejjija. Ġew adottati emendi kostituzzjonali marbuta mal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-sistema tal-ġustizzja. Dan iwitti t-triq għal riforma profonda u komprensiva tas-sistema tal-ġustizzja. Il-ħidma għar-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni marbuta ma' dan ukoll komplet għaddejjja: ġew adottati liġi dwar ir-rievalwazzjoni (il-verifika) tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-konsulenti legali, kif ukoll ġabra ta' liġijiet kruċjali li jipprovdu riorganizzazzjoni istituzzjonali tal-istrutturi ġudizzjarji. Barra minn dan, qegħdin jitħejjew madwar 40 test leġislativ, li jinsabu f'diversi stadji ta' preparazzjoni. Hemm bżonn li jsir aktar progress biex din il-leġislazzjoni tiġi adottata u implimentata. L-amministrazzjoni tal-ġustizzja baqgħet issofri minn ritmu batut u ineffiċjenti; il-korruzzjoni baqgħet qawwija madwar is-settur.

L-Albanija kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ġiet adottata liġi dwar il-protezzjoni tal-whistle-blowers. Il-prosekuturi u l-pulizija kisbu aċċess għar-reġistri

elettroniċi nazzjonali, bil-ħsieb li tiġi skambjata informazzjoni sensittiva u biex tiżdied l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet. Hemm bżonn ta' aktar progress biex tiġi stabbilita storja soda ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u ta' kundanni. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex il-korruzzjoni tiġi miġġielda f'livell għoli. Hemm bżonn li jittejjbu l-investigazzjonijiet proattivi, l-evalwazzjonijiet ta' riskju sistematikċi kif ukoll il-kooperazzjoni interistituzzjonali. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja.

Il-pajjiż kiseb ċertu livell ta' thejjiġa fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Sar xi progress b'mod partikolari fl-identifikazzjoni u l-qerda tal-pjantaġġuni tal-kannabis. Il-pulizija ġiet immodernizzata u l-kooperazzjoni tal-pulizija ġiet intensifikata, speċjalment mal-Europol. Madankollu, il-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-prosekuzzjoni jeħtieġ li tkompli tissaħħaħ biex in-netwerks kriminali jiġu żarmati b'mod aktar effettiv. L-għadd ta' kundanni finali f'każijiet ta' kriminalità organizzata għadu baxx, u kien hemm biss żieda żgħira fl-aħħar snin. L-investigazzjonijiet finanzjarji marbuta mal-gruppi ta' kriminalità organizzata ma jiġux użati b'mod sistematiku u effettiv. Għad ma hemmx storja pożittiva biżżejjed tal-iffiriżar u l-konfiska ta' assi akkwistati b'mod illegali.

Il-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huwa bejn wieħed u ieħor konformi mal-istandards Ewropej. L-Albanija irratifikat il-biċċa l-kbira tal-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, l-infurzar tal-mekkaniżmi tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għad irid jissaħħaħ. Għar-rigward tal-libertà tal-espressjoni, l-Albanija kisbet xi livell ta' thejjiġa / kisbet livell moderat ta' thejjiġa. L-ambjent b'mod ġenerali jwassal għal-libertà tal-espressjoni, iżda hemm bżonn ta' implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni. L-indipendenza tal-awtorità regolatorja u tax-xandar pubbliku trid tissaħħaħ aktar, u għad trid tittejjeb it-trasparenza tar-reklamar mill-Istat fil-midja. L-Albanija ħadet miżuri biex tindirizza r-restituzzjoni ta' proprjetà kkonfiskata fi żmien il-Komuniżmu, jew li jingħata kumpens għaliha. Iddaħħlet liġi għida fis-seħħ għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu nazzjonali għall-kumpens. Hemm bżonn ukoll li jsiru avvanzi fil-proċess tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà. Jeħtieġ li jittejjbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tar-Rom u tal-Eġizzjani³. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex tiġi żviluppata storja pożittiva ta' każijiet kontra d-diskriminazzjoni. Il-mekkaniżmi istituzzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u biex tiġi mrażżna l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru għadhom batuti. Il-leġiżlazzjoni dwar il-ġustizzja għall-minorenni għad trid tingħieb konformi mal-istandards internazzjonali.

L-Albanija baqgħet iżżomm rwol kostruttiv u proattiv fil-kooperazzjoni reġjonali u għandha relazzjonijiet tajbin ta' viċinat konformi mal-impenji tagħha skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, l-Albanija hija mħejjija f'livell moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Sar xi progress fit-titjib tal-bilanċ tal-baġit, fil-ġlieda kontra l-ekonomija informali u fir-riforma tas-settur tal-enerġija elettrika. It-tkabbir ekonomiku aċċellarat, u s-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tgiebet, iżda l-qgħad għadu għoli. Id-dejn pubbliku għadu ma bediex jonqos, filwaqt li n-nuqqas rikorrenti fl-eżekuzzjoni tan-nefqa tal-gvern għadu hemm. Is-settur finanzjarju huwa stabbli. Madankollu, is-settur bankarju għadu mtaqqal b'self improduttiv u l-kreditu qiegħed jikber bil-mod. Ir-regolamenti li jolqtu n-negozju huma kkomplicati u n-nuqqasijiet fejn jidħol l-istat tad-dritt għadhom ta' xkiel għall-investimenti. Ir-riforma tal-ġustizzja li għadha għaddejja mistennija li jkollha impatt materjali fuq l-ambjent ta' negozju.

³ Dawn il-gruppi kollha huma kkunsidrati taħt it-terminu ġeneriku "Rom" skont il-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom.

L-Albanija kisbet xi livell ta' tħejjija biex tikseb il-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Sar xi progress b'mod partikolari fejn tidħol l-edukazzjoni għolja u vokazzjonali. Madankollu, il-kwalità tal-edukazzjoni hemm bżonn li tittejjeb fil-livelli kollha sabiex in-nies ikunu f'qagħda aħjar fejn jidħlu l-ħiliet u l-għarfien, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Bdew l-isforzi għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti infrastrutturali, iżda n-nuqqasijiet fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija u dik diġitali għadhom ixejkle l-kompetittività u jirrestrinġu l-kummerċ. Il-kummerċ internazzjonali ma jilħaqx il-potenzjal tiegħu u jinsab ikkonċentrat settorjalment b'mod li jgħib lill-ekonomija vulnerabbli. Il-kapaċità għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għadha baxxa.

L-Albanija kompliet tallinja l-leġislazzjoni tagħha mar-rekwiżiti tal-UE f'għadd ta' oqsma, b'mod li tejjeb **l-abbiltà tagħha li tieħu fuqha l-obbligi tas-sħubija**. F'ħafna oqsma, il-pajjiż huwa mħejji f'livell moderat, bħal fil-każ tal-kontroll finanzjarju, jew laħaq ċertu livell ta' tħejjija, inkluż fl-oqsma tal-akkwist pubbliku u l-istatistika. L-Albanija se jkollha bżonn tkompli bl-isforzi tagħha għar-rigward tal-preparazzjonijiet ġenerali għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE. Għandha tkompli taħdem fuq l-iżvilupp tan-netwerks tat-trasport u tal-enerġija, anki bil-ħsieb ta' titjib tal-konnettività madwar ir-reġjun. Il-kapaċità amministrattiva u l-istandards professjonali tal-korpi li huma inkarigati bl-implimentazzjoni tal-*acquis* hemm bżonn li tissaħħaħ u li tiġi salvagwardjata l-indipendenza tal-korpi regolatorji. It-titjib tat-trasparenza u tar-responsabbiltà, b'mod partikolari biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv, effikaċi u trasparenti tas-sistema tal-akkwist pubbliku u tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, għadu essenzjali. L-Albanija kompliet tallinja ruħha kompletament mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet komuni kollha tal-UE rigward l-affarijiet barranin u dawk li jolqtu s-sigurtà.

L-għadd ta' applikazzjonijiet infondati għall-ażil li tressqu minn ċittadini Albaniżi fi Stati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen baqa' għoli. L-Albanija trid tieħu azzjoni immedjata u determinata, inkluż fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' sorveljanza ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża, biex tindirizza dan il-fenomeno b'mod effettiv.

Il-Bożnija-Herzegovina

Għar-rigward **tal-kriterji politiċi**, ittejjbet il-leġislazzjoni elettorali, u ġew segwiti għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-OSCE-ODIHR u l-elezzjonijiet lokali ġew organizzati ġeneralment f'atmosfera ta' ordni, anki jekk kien hemm xi inċidenti f'xi municiplalitajiet li hemm bżonn li jiġu investigati. Minkejja l-isforzi biex tiġi solvuta l-kwistjoni ta' Mostar, ma jistax ikun li din is-sena jsiru elezzjonijiet hemm. L-Assemblea Parlamentari tal-Bożnija-Herzegovina kif ukoll il-parlamenti tal-entitajiet għamlu progress lejn l-adozzjoni ta' prijoritajiet ewlenin ta' riforma, b'mod partikolari dawk li ġejjin mill-Aġenda ta' Riforma. Il-kooperazzjoni bejn il-parlamenti tad-distretti fil-livell tal-istat, il-livell tal-entità u ta' Brčko tjejbet. Madankollu, ir-rwoli u l-kapaċitajiet fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE hemm bżonn li jkomplu jitjiebu. Il-kooperazzjoni bejn il-Kunsill tal-Ministri tal-Boż.-Herz. u l-gvernijiet tal-entitajiet kienet effettiva fejn tidħol l-Aġenda ta' Riforma, li l-implimentazzjoni tagħha trid tkompli. Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni f'affarijiet tal-UE kien adottat mill-Kunsill tal-Ministri f'Awwissu. Għad irid jiġi adottat programm strateġiku għall-approssimazzjoni legali tal-pajjiż mal-*acquis* tal-UE.

Il-kostituzzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għadha tikser il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, skont is-sentenza fil-kawża *Sejdić-Finci*. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali għad iridu jiġu infurzati għal kollox madwar il-pajjiż.

Filwaqt li sar xi progress fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi istituzzjonali għall-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs - *civil society organisations*), hemm bżonn li jiġi żvilupp qafas strateġiku għall-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili.

Il-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tagħha. Deher xi rigress fit-tibdiliet għall-qafas legali tal-entità Federattiva fejn jidħol is-servizz ċivili, u dan iżid ir-risku tal-politiċizzazzjoni. Għad jonqos approċċ armonizzat għall-iżvilupp tal-politika u l-koordinazzjoni bejn id-diversi partijiet tal-amministrazzjoni. Hemm bżonn l-adozzjoni ta' qafas strateġiku għall-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll strateġija dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Bożnija-Herzegovina laħqet xi livell ta' tħejjija. Sar xi progress fejn tidħol ir-responsabbiltà u l-integrità. Il-pjan ta' azzjoni meħtieġ għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-2014-2018 fis-settur tal-ġustizzja għad irid jiġi adottat. Għadu jsir theddid politikament motivat fuq il-ġudikatura fil-pajjiż minn xi politiċi. L-indipendenza ġudizzjarja għad trid tissaħħa.

Il-Bożnija-Herzegovina kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Sar xi progress bl-adozzjoni ta' pjani ta' azzjoni f'diversi livelli ta' governanza iżda minħabba l-frammentazzjoni tagħhom l-implimentazzjoni hija anqas effettiva. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. L-impenn politiku dikjarat dwar dan ma ġiex ikkonvertit frizultati konkreti.

Rigward il-ġlieda kontra l-kriminalita organizzata, il-Bożnija-Herzegovina laħqet xi livell ta' tħejjija. Sar xi progress b'mod notevoli fit-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji. Madankollu, l-investigazzjonijiet finanzjarji hemm bżonn li jiġu intensifikati. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għadha fundamentali biex tiġi miġġielda l-infiltrazzjoni kriminali fis-sistema politika, legali u ekonomika tal-pajjiż. Il-Bożnija-Herzegovina għad trid tilħaq l-istandards internazzjonali fejn tidħol il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Il-Bożnija-Herzegovina ġiet affettwata b'mod serju bil-fenomeni ta' ġellieda terroristiċi barranin u bir-radikalizzazzjoni. Il-Bożnija-Herzegovina diġà ħadet miżuri importanti biex taffaċċja din il-problema li hemm bżonn jiġu kkumplimentati minn passi ulterjuri biex jiġi identifikat, preventut u mħarbat il-fluss ta' ġellieda terroristiċi barranin li jivvjaġġaw lejn żoni ta' kunflitt bħal ma huma l-Iraq u s-Sirja.

Hemm bżonn ta' aktar ħidma fl-indirizzar tad-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet li jolqtu l-minoranzi. Sar xi progress b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' emendi għal-liġi kontra d-diskriminazzjoni. L-oqsfa strateġiċi, legali, istituzzjonali u ta' politika għall-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem għadha, b'mod kumplessiv, tinħtieġ titjib sostanzjali. Jeżisti xi livell ta' tħejjija fejn tidħol il-libertà tal-espressjoni. Madankollu, ma sar l-ebda progress f'dan il-qasam. Il-każijiet ta' pressjoni politika u l-intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti għandhom bżonn ta' segwitu legali adegwat. L-istabbiltà finanzjarja tas-sistema tax-xandir pubbliku jeħtieġ li tiġi indirizzata, kif ukoll il-kwistjoni tan-nuqqas ta' trasparenza fejn tidħol is-sjieda tal-midja.

Għar-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali, il-pajjiż kompli jipparteċipa b'mod attiv finizjattivi reġjonali. Il-Bożnija-Herzegovina ħadet f'idejha l-presidenza tal-Inizjattiva Ċentro-Ewropea f'Jannar.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, il-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Sar xi progress fl-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol, li tejjeb l-ambjent tan-negozju u indirizza d-dgħufijiet fis-settur finanzjarju fil-qafas tal-Aġenda ta' Riforma li dwarha ntlaħaq qbil. Madankollu, is-settur pubbliku huwa ineffiċjenti u l-iżvilupp tas-settur privat qiegħed iseħħ bil-mod. Se jkun kruċjali li jkun hemm appoġġ qawwi u kontinwu għall-implimentazzjoni ta' malajr ta' riformi strutturali tant meħtieġa, konformi mal-Aġenda ta' Riforma li dwarha ntlaħaq qbil.

Il-Bożnija-Herzegovina hija mhejjia fl-livell moderat fil-bini tal-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni. Ma sar l-ebda progress fit-titjib tal-kompetittività tal-pajjiż, iżda għadha għaddejja l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Aġenda ta' Riforma.

Għar-rigward tal-approssimazzjoni mal-**istandards Ewropej**, hemm ċertu livell ta' tħejja fl-oqsma tal-akkwist pubbliku u tas-suq intern. Il-pajjiż akkwista xi livell ta' tħejja fil-qasam tat-trasport; l-adozzjoni ta' Strateġija ta' Qafas għat-Trasport fil-livell tal-Istat f'Lulju hija pass 'l quddiem lejn sitwazzjoni li fiha l-pajjiż jibbenefika mill-aġenda tal-konnettività. Għad iridu jiġu adottati strateġiji madwar il-pajjiż kollu fl-oqsma tal-agrikoltura, l-enerġija u l-ambjent. Hemm bżonn ukoll ta' sforzi sostnuti ulterjuri fejn jidħlu kwistjonijiet li jolqtu l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, il-qasam tal-kompetizzjoni, l-industrija u l-SMEs, il-biedja, il-politika dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-enerġija u s-soċjeta tal-informazzjoni u l-midja. Ir-riżultati taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni li sar f'Ottubru 2013 ġew ippubblikati fit-30 ta' Ġunju 2015, konformi mal-istandards internazzjonali u mar-rakkomandazzjonijiet.

Il-Kosovo

Għar-rigward tal-**kriterji politiċi**, il-polarizzazzjoni bejn il-gvern u l-oppożizzjoni baqgħet għaddejja. Ma setax ikun hemm funtzjonament parlamentari normali f'ċerti żminijiet fil-perjodu ta' rappurtar, inkluż permezz tal-użu ta' mezzi vjolenti minn membri tal-oppożizzjoni. Il-partiti politiċi kollha għandhom juru responsabbiltà u jergħu jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv, bil-parlament bħala l-post ċentrali tad-dibattitu politiku. Ir-ritorn ta' dan l-aħħar tal-membri tal-oppożizzjoni lejn l-attivitajiet tal-parlament huwa pass pożittiv.

L-istituzzjonijiet tal-Kosovo wettqu l-obbligi li kien fadal bl-istabbiliment tal-Kmamar Speċjalizzati u l-Uffiċċju ta' Prosekuzzjoni Speċjalizzati biex jiġu investigati allegazzjonijiet ta' atti kriminali internazzjonali mwettqa matul il-kunflitt tal-1999 u wara. Il-proċeduri dwar il-ftehim bilaterali mal-pajjiż ospitanti tal-Kmamar Speċjalizzati (in-Netherlands) ġew finalizzati. Il-mandat tal-EULEX ġie estiż sa Ġunju 2018.

L-assemblea lestiet il-biċċa l-kbira tal-ħatriet pendent fuq istituzzjonijiet u aġenziji indipendenti. Madankollu, il-ħatriet kienu ta' spiss is-suġġett ta' influwenza politika. Dan jimmina l-funzjonament indipendenti u l-ġestjoni effettiva ta' dawn il-korpi. Hemm bżonn ta' sforzi akbar biex jiġi żgurat li l-ħatriet ikunu bbażati fuq il-mertu.

Jeżisti ċertu livell ta' tħejja fil-qasam tar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika. Il-progress tajjeb li sar jinkludi l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-liġi dwar il-proċeduri amministrattivi ġenerali. Il-politiċizzazzjoni kontinwa tal-amministrazzjoni pubblika, madankollu, għadha toħloq tħassib serju. L-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-istat hija frammentarja u ma tiżgurax linji effettivi ta' responsabbiltà, u jeħtieġ li jiġi indirizzat it-tirkib ta' responsabbiltajiet bejn l-aġenziji tal-gvern. Is-superviżjoni

parlamentari tal-attivitajiet tal-gvern għandha tiżdied. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' supervizzjoni għandhom jiġu segwiti, sabiex jiġu żgurati l-governanza u r-responsabbiltà aħjar.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Kosovo għadha fi stadju bikri. Ittieħdu passi pożittivi importanti matul il-perjodu ta' rappurtar bl-adozzjoni ta' emendi għall-kostituzzjoni u tal-biċċa l-kbira tal-leġislazzjoni sekondarja neċessarja għall-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-pakkett tal-ġustizzja tal-2015. Il-Kosovo ħatar ukoll il-biċċa l-kbira tal-membri tal-istituzzjonijiet ċentrali u kompli jżid ir-rata ta' deċiżjoni ta' każijiet. Madankollu, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ssir bilmod u mhux effiċjenti, u ma hemmx biżżejjed responsabbiltà tal-uffiċjali ġudizzjarji. Il-ġudikatura għadha vulnerabbli quddiem influwenza politika mhux dovuta u l-istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt isofru minn nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani.

Il-Kosovo għadu fi stadju bikri / kiseb ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-Kosovo saħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali tiegħu li jiġġiedlu l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, bl-istabbiliment ta' timijiet investigattivi multidixxiplinarji, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' intraċċar għall-korruzzjoni f'livell għoli u każijiet ta' kriminalità organizzata, kif ukoll it-tmexxija 'l quddiem tad-dipartiment tal-kriminalità serja fil-qrati l-bażiċi. Dan wassal għal għadd akbar ta' każijiet ta' livell għoli li ġew investigati u prosekutati. Madankollu, il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħaġġa oqsma u għadha problema serja ħaġġa. Hemm in-neċessità ta' rieda politika aktar b'saħħitha biex din tiġi affrontata b'mod komprensiv.

Il-Kosovo jinsab fi stadju bikri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. L-għadd ta' investigazzjonijiet u ta' kundanni finali għadu baxx. Għad hemm nuqqasijiet fil-leġislazzjoni u l-infurzar jeħtieġ li jittejjeb b'mod partikolari fejn jidhru l-ħasil tal-flus, il-konfiska u l-ħtif ta' assi, u l-investigazzjoni finanzjarja. Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata hija mxejnkla minħabba influwenza mhux dovuta fl-investigazzjonijiet, u min-nuqqas ta' impenn politiku strateġiku. Il-Kosovo kompli fl-isforzi tiegħu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, iżda għad għandu quddiemu sfidi f'dan il-qasam.

Sar xi progress fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u ttieħdu passi għall-implimentazzjoni tal-pakkett tal-2015 tad-drittijiet tal-bniedem u dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għad-drittijiet tal-persuni LGBTI. Madankollu, l-implimentazzjoni għadha mxejnkla minn nuqqas ta' riżorsi u ta' impenn politiku, b'mod partikolari fil-livell lokali. Irid isir aktar sabiex jiġu ggarantiti b'mod effettiv id-drittijiet tal-proprjetà u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tar-ritorn u tar-riintegrazzjoni ta' persuni spustjati, il-protezzjoni tal-wirt kulturali u kontra l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi u tal-persuni bi bżonnijiet speċjali għad trid tissaħħaħ b'mod sinifikanti. Il-Kosovo laħaq ċertu livell ta' tħejjija fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni. Kien hemm żviluppi ta' tħassib matul il-perjodu ta' rappurtar, inkluż għadd ta' theddidiet kontra l-ġurnalisti. L-assemblea turi impenn limitat lejn is-sejba ta' soluzzjoni għall-iffinanzjar sostenibbli tax-xandir pubbliku, biex b'hekk dan huwa vulnerabbli għall-pressjoni politika. Ma kien hemm l-ebda żvilupp leġislativ rigward ir-regolamentazzjoni tas-sjieda u t-trasparenza tal-midja.

Għar-rigward **tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja**, il-Kosovo baqa' impenjat li jimplementa l-ftehimiet milħuqa fid-djalogu ffaċilitat mill-UE. Il-progress li sar kien wieħed limitat, anki minħabba l-proċess elettorali fis-Serbja u s-sitwazzjoni domestika fil-Kosovo. Madankollu, il-pass reġa' tħaffef f'Awwissu 2016 mal-bidu tal-ħidma fuq il-pont ta' Mitrovica/Mitrović u fuq il-libertà tal-moviment. Għad hemm bżonn ta' sforzi kontinwi

għall-implimentazzjoni tal-ftehimniet li diġà ntlaħqu. Il-passi meħuda għandu jkollhom impatt pożittiv u konkret fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kemm tal-Kosovo kif ukoll tas-Serbja.

Fejn jidħlu **l-kriterji ekonomiċi**, il-Kosovo għadu fi stadju bikri fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Sar xi progress, b'mod partikolari fis-sostenn tan-negozju orjentat lejn l-esportazzjoni, it-titjib tal-infurzar kuntrattwali, speċjalment fis-settur finanzjarju, u l-aċċess għall-finanzi. Madankollu, id-deċiżjonijiet fiskalment insostenibbli marbuta mal-benefiċċji lill-veterani tal-gwerra jista' jkollhom effett negattiv rigward l-istabbiltà makroekononika tal-Kosovo, u r-relazzjonijiet tiegħu ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Id-defiċit kummerċjali persistenti jirrifletti bażi ta' produzzjoni dgħajfa kif ukoll kompetittività internazzjonali fqira. Id-dipendenza fuq ir-remittanzi u l-ekonomija informali mifruxa jnaqqsu ma' dan l-inċentivi li wieħed jaħdem, u dan iwassal għal parteċipazzjoni baxxa tal-forza laborattiva, speċjalment fost in-nisa, u rati ta' qgħad għolja, b'mod partikolari fost ħaddiema żgħażaġh u bla sengħa.

Il-Kosovo jinsab fi stadju bikri fil-bini tal-kapaċità li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni. Ma sar l-ebda progress fit-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni, li hija mutur ewlieni għat-titjib fit-tul tat-tkabbir u tal-kompetittività.

Il-Kosovo jinsab fi stadju bikri ta' allinjament mal-**istandards Ewropej**. L-allinjament leġislattiv kompli f'ċerti oqsma iżda l-implimentazzjoni hija dgħajfa. Sar xi progress fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-kompetizzjoni. Sar progress tajjeb fil-qasam doganali, speċjalment fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġbir tad-dħul u t-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi tal-esportazzjoni, iżda l-Kosovo hemm b'zonn iżid il-pass fil-ġlieda kontra l-ekonomija informali u l-evalazzjoni tat-taxxa. Is-settur tal-enerġija għadu jaffaċċja problemi, u ma sar l-ebda progress fid-dekommissjonar tal-impjant tal-enerġija Kosovo A jew li jiġi mmodernizzat Kosovo B, u sar f'it-ħafna progress fejn tidħol l-enerġija rinovabbli.

ANNEX 2 – STATISTIĊI KRUĊJALI

DEJTA STATISTIKA (fil-5.10.2016)

Demografija	Nota	Il-Montenegro		L-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnija- Herzegovina		Il-Kosovo *		UE-28	
		2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Popolazzjoni totali (eluf)	1)	621.5	622.1	2 065.8	2 069.2	2 895.0e	2 892.3e	7 149.2e	7 114.4	76 668	77 696	3 827.3e	3 819.5e	1 804.9e	1772.1p	506 944p	508 293bp
Sehem ta' 15-64 minn fost il-popolazzjoni totali (%)		68.1	67.8	70.8	70.5	68.8e	69.0	67.6	67.1	67.7	67.8	:	:	:	:	65.8p	65.5bp
Rata kruda ta' bidla fil-popolazzjoni naturali (kull 1 000 abitant)		2.4	1.7	1.9	1.3e	5.2e	3.7e	-4.9	-5.4	12.3	11.8	-1.5p	:	13.2e	12.4be	0.4p	-0.3bp
Aspettativa tal-ħajja fil-mument tal-twelid, irġiel (snin)		74.1	:	73.5	:	76.4e	:	72.8	:	75.4	:	:	:	:	:	78.1p	:
Aspettativa tal-ħajja fil-mument tat-twelid (nisa)		78.9	:	77.5	:	80.3e	:	78.0	:	80.9	:	:	:	:	:	83.6p	:

Suq tax-xogħol	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Rata ta' attività ekonomika għall-persuni ta' bejn 20-64 sena: proporzjon tal-popolazzjoni fl-età bejn 20-64 sena li huma ekonomikament attivi (%)		67.6	68.5	70.8	70.2	68.6e	71.3e	68.0b	68.1	58.9	59.9	59.2	59.2	47.7	42.8	76.8	77.1
Rata ta' attività ekonomika għall-irġiel ta' bejn 20-64 sena: proporzjon tal-popolazzjoni tal-irġiel bejn 20-64 sena li huma ekonomikament attivi (%)		74.5	74.9	84.5	83.8	80.5e	81.8e	76.6b	76.7	82.2	82.7	72.4	71.9	71.4	65.1	83.2	83.4
Rata ta' attività ekonomika għan-nisa ta' bejn 20-64 sena: proporzjon tal-popolazzjoni tan-nisa bejn 20-64 sena li huma ekonomikament attivi (%)		60.7	62.1	56.8	56.2	57.3e	61.1e	59.5b	59.5	35.8	37.3	46.0	46.3	24.2	20.4	70.5	70.8
Rati ta' impjieg, fl-età bejn 20-64 (% tal-popolazzjoni)																	
Total		55.6	56.7	51.3	51.9	56.6e	59.3e	54.8b	56.0	53.2	53.9	43.2	43.2	31.3	29.1	69.2	70
Irġiel		61.4	61.9	61.6	61.5	65.2e	68.1e	62.5b	63.7	75.0	75.3	54.6	53.9	48.4	44.9	75.0	75.8

Il-Montenegro	L-eks-Repubblika Jugoslava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnja- Herzegovina	Il-Kosovo *	UE-28
---------------	---	------------	-----------	------------	---------------------------	-------------	-------

Nisa		49.4	51.5	40.8	42.1	48.5e	50.7e	47.2b	48.3	31.6	32.6	31.9	32.4	14.5	13.2	63.4	64.2
Persuni fl-età bejn 15-24 sena mhux fl-impieg, fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, % tal-popolazzjoni fil-grupp tal-età		17.7	19.1	:	:	30.9e	29.6	20.7	20.1	24.9	24.0	26.1	27.7	:	:	12.5	12.0
Persuni fl-età bejn 15-29 sena mhux fl-impieg, fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, % tal-popolazzjoni fil-grupp tal-età		22.6	23.4	:	:	34.5e	32.8	25.6	24.6	28.5	28.0	31.8	32.8	:	:	15.4	14.8
Impjieg skont is-setturi ewlenin																	
Agrikoltura, forestrija u sajd (%)	2)	5.7	7.7	18.5	17.9	42.7e	41.3e	19.9b	19.4	21.1	20.6	17.1	17.9	2.6	2.3	4.7	4.5
Industrija (%)	2)	11.1	10.8	23.4	23.4	11.0e	11.6e	20.2b	19.9	20.5	20.0	22.1	22.0	17.7	18.7	17.4	17.3
Kostruzzjoni (%)	2)	6.5	6.6	7.0	7.1	6.4e	6.9e	4.5b	4.5	7.4	7.2	7.9	7.5	10.9	9.5	6.8	6.8
Servizzi (%)	2)	76.7	74.8	51.1	51.6	39.4e	40.2	55.4b	56.1	51.0	52.2	52.7	52.4	67.2	68.3	71.0	71.3
Nies impjegati fis-settur pubbliku bħala sehem mill-impjegi totali, persuni bejn 20-64 sena (%)	3)	32.8	32.4	:	:	17.5e	16.7e	31.4b	29.7	13.1b	13.5	31.9	31.2	31.4s	32.6	:	:
Nies impjegati fis-settur privat bħala sehem mill-impjegi totali, persuni bejn 20-64 sena (%)	3)	48.2	46.8	:	:	82.5e	83.3e	68.6b	70.3	86.9b	86.5	63.1	63.2	68.6s	67.4	:	:
Rati tal-qgħad (% tal-forza laborattiva)																	
Total	4)	18.0	17.5	28.0	26.1	17.5e	17.1e	19.2b	17.6	9.9	10.3	27.6	27.9	35.3	32.9	10.2	9.4
Irgjel	4)	17.8	17.7	27.7	26.7	19.2e	17.1e	18.3b	16.8	9.1	9.3	25.3	25.9	33.1	31.8	10.1	9.3
Nisa	4)	18.2	17.3	28.6	25.1	15.2e	17.1e	20.3b	18.7	11.9	12.6	31.2	30.9	41.6	36.6	10.3	9.5
Żgħażaġħ fl-età bejn 15-24	4)	35.8	37.6	53.1	47.3	39.0e	39.8e	47.4b	43.2	17.8	18.4	62.7	62.3	61.0	57.7	22.2	20.4
Għat-tul (>12-il xahar)	4)	14.0	13.6	23.4	21.3	11.2e	11.3e	12.8b	11.3	2.0	2.2	23.4	22.8	26.1	23.8	5.0	4.5
Pagi u salarji medji nominali fix-xahar (EUR)	5)	479.0	:	:	:	378.8	386.4	523.6	506.4	:	:	424.4	424.4	:	:	:	:

Edukazzjoni	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Dawk li jtitlqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ: il-perċentwali tal-popolazzjoni bejn 18-24 sena li l-aktar li għandhom hija edukazzjoni sekondarja inferjuri u li ma humiex la fl-edukazzjoni u lanqas fit-taħriġ (%)		5.1	5.7	12.5	11.3p	26.0e	21.3e	8.5	7.5	38.3	36.7	25.2	26.3	:	:	11.2	11.0

Il-Montenegro	L-eks-Repubblika Jugoslava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnja- Herzegovina	Il-Kosovo *	UE-28
---------------	---	------------	-----------	------------	---------------------------	-------------	-------

Nefqa pubblika fuq l- edukazzjoni b'ħala proporzjoni tal-PDG (%)	:	:	:	:	3.3	:	4.2	:	5.1	:	:	:	4.4	:	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 sena b'edukazzjoni elementari biss, jew xejn	1.1	6.6	:	13.7	30.9e	24.9e	10.1b	8.6	12.6	11.5	6.5	6.2	20.7	17.9	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 sena b'edukazzjoni elementari biss, jew xejn, irġiel	1.2	6.9	:	:	31.0e	27.1e	10.2b	9.3	6.9	7.1	5.8	5.6	18.8	14.9	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 sena b'edukazzjoni elementari biss, jew xejn, nisa	1.0	6.3	:	:	30.7e	22.6e	10.0b	7.9	17.9	15.7	7.2	6.9	22.9	21.3	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 sena b'edukazzjoni sekondarja, total	86.3	80.6	:	76.1	49.7e	52.4e	82.3b	83.2	70.0	69.9	85.6	86.3	68.2	67.3	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 sena b'edukazzjoni sekondarja, irġiel	87.8	85.3	:	:	55.9e	57.9e	84.8b	84.5	76.7	76.9	89.6	88.6	71.8	72.4	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 20-24 sena b'edukazzjoni sekondarja, nisa	84.7	75.7	:	:	43.5e	46.8e	79.7b	81.7	63.8	63.3	81.2	83.5	64.0	61.5	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 30-34 sena b'edukazzjoni terzjarja, total	28.3	31.0	24.9	28.6	16.7e	22.1e	27.0b	28.9	21.5	23.5	18.9	17.2	14.8	17.2	37.8	38.6
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 30-34 sena b'edukazzjoni terzjarja, irġiel	25.3	32.9	21.4	23.1	14.0e	19.6e	21.5b	24.2	23.4	25.0	15.2	13.4	16.6	19.5	33.4	33.9
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn 30-34 sena b'edukazzjoni terzjarja, nisa	31.3	32.2	28.7	34.5	19.2e	24.7e	32.8b	33.7	19.6	22.1	23.2	21.3	13.0	14.7	42.2	43.3

Kontijiet nazzjonali	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Prodott domestiku gross																	
Bi prezzijiet kurrenti (biljuni ta' EUR)	6)	3.5	3.6	8.6	9.1p	10.0p	10.3p	33.3	33.5	601.5	645.4	14.0	14.6	5.6	:	13 987.3	14 693.0
Kull ras (EUR)	6)	5 600	5 800	4 100	4 400p	3 400	3 600	4 700	4 700	7 800	8 300	3 600	3 800	3 100	:	27 500	28 800
Standardi tal-kapaċità tal- akkwist (PPS) kull ras	6)	11 200	11 800	10 100	10 600	8 300	8 600	10 200	10 300	14 600	15 100	8 000	8 300	:	:	27 500	28 700
Fi standards tal-kapaċità tal- akkwist (PPS) kull ras, imqabbel mal-medja tal-UE (UE-28 = 100)	6)	41	41	37	37	30	30	37	36	53	53	29	29	:	:	-	-

		Il-Montenegro	L-eks-Repubblika Jugoslava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnja- Herzegovina	Il-Kosovo *	UE-28								
Rata annwali reali (volum) tat- tibdil, imqabbel mas-sena ta' qabel (%)	6)	1.8	3.4	3.5p	3.7e	1.8p	2.8p	-1.8	0.8	3.0	4.0	1.1	:	1.2	:	1.5	2.2
Valur gross miżjud mis- setturi ewlenin																	
Agrikoltura, forestrija u sajd (%)	6)	10.0	9.8	11.7	11.4p	22.9p	22.1p	9.3	8.2	8.0	8.5	7.1	:	14.3	:	1.6	1.5
Industrija (%)	6)	13.5	12.9	18.3	18.7p	14.7p	14.6p	25.1	25.9	22.0	21.5	21.3	:	19.4	:	19.1	19.2
Kostruzzjoni (%)	6)	4.2	4.6	8.0	7.9p	10.0p	10.8p	5.1	5.5	5.1	5.0	4.7	:	7.3	:	5.4	5.4
Servizzi (%)	6)	72.3	72.7	62.0	62.0p	52.4p	52.5p	60.5	60.4	64.9	65.0	66.9	:	59.0	:	73.9	73.9

Bilanċ tal-pagamenti	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Investiment barrani dirett net (‘l ġewwa - ‘l barra) (FDI) (miljuni ta' euro)	13)	353.9	619.3	197.4	170.7	811.5	818.4	1 236.3	1 803.8	4 121.9	10 641.7	386.1	221.2	123.8	287.3	- 22 872.0	:
Investiment barrani dirett net (‘l ġewwa - ‘l barra) (FDI) (%) tal-PDG)	13)	10.2	17.1	2.3	1.9p	8.1p	8.0p	3.7	5.4	0.7	1.6	2.8	1.5	2.2	:	-0.2	:
Investiment barrani dirett net (‘l ġewwa - ‘l barra) (FDI) imqabbel mal-UE-28 (miljuni ta' euro)	14)	102.5	403.0	10.8	-169.2	:	:	1 073.9	1 480.4	1 509.5	4 809.2	:	:	82.4	101.3	-	-
Investiment barrani dirett net (‘l ġewwa - ‘l barra) (FDI) imqabbel mal-UE-28 (%) tal- PDG)	14)	3.0	11.1	0.1	-1.9	:	:	3.2	4.4	0.3	0.7	:	:	1.5	:	-	-
Rimessi bħala % tal-PDG	15)	1.3	:	2.2p	2.1e	:	:	7.8	8.7	0.1	0.1	8.5	8.3	:	:	0.1	:

Kummerċ estern fi prodotti	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Kummerċ internazzjonali fi prodotti																	
Sehem tal-esportazzjoni lill- pajjiżi tal-UE-28 f'valur ta' esportazzjoni totali (%)		35.8	35.7	76.5	77.2	77.4	75.5	65.7	67.0	43.5	44.5	72.1	71.6	30.2	32.6	-	-
Sehem tal-importazzjoni mill- pajjiżi tal-UE-28 f'valur ta' importazzjoni totali (%)		45.8	41.3	63.4	62.1	61.1	61.8	57.1	57.3	36.7	38.0	58.9	60.8	42.6	42.2	-	-
Bilanċ tal-kummerċ (miljuni ta' EUR)		-1 451	-1 524	-1 758	-1 726	-2 114	-2 154	-2 950	-2 985	-63 685	-56 977	-3 844	-3 510	-2 214	-2 309	11 139	64 169
Kummerċ internazzjonali fi prodotti u servizzi mqabbel mal-PDG																	
Importazzjoni (%) tal-PDG)	6)	60.0	61.1	64.9	65.0p	47.2p	:	54.2	56.4	32.1	30.8	:	:	50.6	:	40.4	40.5

Il-Montenegro	L-eks-Repubblika Jugoslava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnja- Herzegovina	Il-Kosovo *	UE-28
---------------	---	------------	-----------	------------	---------------------------	-------------	-------

Esportazzjoni (% tal-PDG)	6)	40.1	42.5	47.7	48.8p	28.2p	:	43.4	46.7	27.9	28.0	:	:	19.6	:	43.1	43.8
---------------------------	----	------	------	------	-------	-------	---	------	------	------	------	---	---	------	---	------	------

Finanzi pubbliċi	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Statistiċi dwar il-finanzi tal-Gvern, imqabbel mal-PDG																	
** Bilanċ pożittiv tal-gvern (+) / defiċit (-) (%)	7)	-3.1	7.7	-4.2	-3.5	-5.2	-4.0	-6.7	-3.8	0.4	1.7	-2.0	0.7	:	:	-3.0	-2.4
** Dejn tal-amministrazzjoni pubblika (%)	7) 8)	56.7	63.3	38.2	38.0	71.8	72.5	72.4	76.4	34.5	31.3	41.6	41.9	10.5	12.8	86.8	85.2

Indikaturi finanzjarji	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Bidla annwali fil-prezzijiet għall-konsumaturi (%)		-0.7	1.5	-0.3	-0.3	0.7	2.0	2.9	1.9	8.9	7.7	-0.9	-1.0	0.4	-0.5	0.5	0.0
Dejn estern totali, imqabbel mal-PDG (%)	9)	:	:	70.3p	69.9p	69.6	73.9	77.1	80.1	55.0	56.4	:	:	32.3	:	:	:
Rata ta' imgħax tas-self (sena), kull sena (%)	10)	9.22	8.53	3.75	3.75	7.66	7.77	10.50	6.50	11.68	10.79	6.32	5.74	10.70	:	:	:
Rata ta' imgħax tad-depożiti (sena), kull sena (%)	11)	1.86	1.23	0.50	0.25	1.92	1.35	5.50	2.50	7.75	7.27	0.09	0.09	1.07	:	:	:
Valur tal-assi ta' riżerva (inkluż id-deheb)(miljuni ta' euro)	12)	545	674	2 436	2 262	2 192	2 880	9 907	10 378	95 824	99 620	4 001	4 400	746	861	:	:
Riżervi internazzjonali - ekwivalenza f'xhur ta' importazzjoni	12)	3.2	3.7	5.3	4.6	5.6	7.6	6.6	6.6	5.9	6.0	6.1	6.8	3.2		:	:

Negożju	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Indiċi tal-produzzjoni industrijali (2010 = 100)		81.8	88.3	112.5	118.0	139.2	142.4	98.8	107.1	120.5	124.3	103.9	107.1	:	:	101.7	103.9

Infrastruttura	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
Densità tal-linji tal-ferrovija (linji li jaħdmu kull elf km²)		18.1	18.1	27.2	27.2	12.0	13.2s	49.3	48.6s	12.9	12.9	20.1	20.1	30.6	30.6	:	:
Tul ta' toroq prinċipali (kilometri)		0	0	259	259	:	:	607	693	2 155	2 159	128	128	80	80	:	:

Enerġija	Nota	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015	2014	2015
----------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------	------

Il-Montenegro	L-eks-Repubblika Jugoslava tal- Maċedonja	L-Albanija	Is-Serbja	It-Turkija	Il-Bożnja- Herzegovina	Il-Kosovo *	UE-28
---------------	---	------------	-----------	------------	---------------------------	-------------	-------

Importazzjoni netta tal- enerġija imqabbla mal-PDG	16)	5.4	4.2	8.5	6.4	1.3	0.7	5.3	4.7	1.8	1.4	6.8	5.3	6.9	:	2.4	1.7
---	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	-----	---	-----	-----

: = mhux disponibbli
b = interruzzjoni fis-serje
e = valur stmat
p = proviżorju
s = stima tal-Eurostat
- = mhux applikabbli

* = Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

** = Id-dejta dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir huma ppubblikati fuq il-bażi ta' "as is" u mingħajr l-ebda garanzija dwar il-kwalità tagħhom u l-konformità mar-regoli tal-ESA.

Noti:

- 1) Il-Bożnija-Ħerzegovina: popolazzjoni f'nofs is-sena.
- 2) L-Albanija: it-total tal-ishma ma ġġibx 100% minħabba każijiet fejn il-persuni ma għandhomx jew ma jistax ikunu kklassifikati f'xi attività partikolari.
- 3) Il-Bożnija-Ħerzegovina: l-ishma ma jġibx 100% minħabba li tipi oħra ta' sjieda huma esklużi. Il-Montenegro: NGOs esklużi.
- 4) It-Turkija: qgħad ibbażat fuq il-kriterju tal-4 ġimgħat + li jużaw biss metodi attivi ta' tiftix ta' xogħol.
- 5) Is-Serbja, 2014: pagi u salarji imħallsa lil impjegati ta' entitajiet legali u ta' impriżi mhux inkorporati. Il-Bożnija-Ħerzegovina: salarju nett.
- 6) It-Turkija u l-Bożnija-Ħerzegovina: abbażi tal-ESA 1995.
- 7) UE-28: abbażi tal-ESA 2010.
- 8) Il-valur tal-PDG jinkiseb mill-Qafas ta' Nfiq fuq Terminu ta' Żmien Medju 2016–2018 (April 2015)
- 9) L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: abbażi tal-manwal tal-bilanċ tal-pagamenti, is-6 edizzjoni.
- 10) L-Albanija: rata medja ponderata applikata lil self ġdid ta' 12-il xahar matul ix-xahar rispettiv, mal-maturità wara 12-il xahar. Il-Bożnija-Ħerzegovina: rati ta' self fuq perjodu qasir fil-munita nazzjonali lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji (medja ponderata). Il-Montenegro: rata tal-imgħax effettiva medja ponderata, ammonti pendenti, annwali. L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: tmiem is-sena (l-31 ta' Diċembru). Il-Kosovo: inkluż id-dritt għall-iżborż li jimponu l-banek.
- 11) L-Albanija: ir-rata tal-imgħax għad-depożiti tirrappreżenta r-rata medja ponderata għal depożiti aċċettati ġodda matul ix-xahar rispettiv, b'maturità ta' 12-il xahar. Il-Bożnija-Ħerzegovina: rati ta' depożiti ta' domanda fil-munita nazzjonali tal-unitajiet domestiċi (medja ponderata). Il-Montenegro: rata tal-imgħax effettiva medja ponderata, ammonti pendenti, annwali. L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: tmiem is-sena (l-31 ta' Diċembru). It-Turkija: faċilita ta' depożitu mal-lejl. Il-Kosovo: inkluż id-dritt għall-iżborż li jimponu l-banek.
- 12) L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: tmiem is-sena (l-31 ta' Diċembru).
- 13) L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Albanija, is-Serbja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo u l-UE-28: abbażi tal-manwal tal-bilanċ tal-pagamenti, is-6 edizzjoni.
- 14) L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja u l-Kosovo: abbażi tal-manwal tal-bilanċ tal-pagamenti, is-6 edizzjoni.
- 15) L-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-UE-28: abbażi tal-manwal tal-bilanċ tal-pagamenti, is-6 edizzjoni.
- 16) Il-Montenegro, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Albanija, it-Turkija u l-Kosovo: Kalkoli tal-Eurostat.